

# Materja prima kritika għat-tranżizzjoni tal-enerġija

Il-politika mhijiex waħda soda



# Werrej

## Paragrafu

### 01 - 22 | **Messaġġi prinċipali** 01

01 - 05 | **Għalfejn huwa importanti dan il-qasam?**

06 - 22 | **X'sibna u x'nirrakkomandaw**

### 23 - 104 | **Flarsa aktar mill-qrib lejn l-osservazzjonijiet tagħna** 02

**23 - 38 | Il-politika tal-UE dwar il-materja prima tistabbilixxi perkors strateġiku, iżda sserraħ fuq pedamenti li ma ġewx kompluti**

25 - 30 | Il-listi tal-UE jidentifikaw materja prima ewlenija, iżda d-*data*, il-projezzjonijiet u l-metodoloġija ta' bażi għandhom in-nuqqasijiet

31 - 34 | Il-miri strateġiċi tal-materja prima jipprovdu direzzjoni, iżda ma għandhomx ġustifikazzjoni

35 - 38 | Mhuwiex ċar l-effett tal-finanzjament mill-UE fuq il-provvista tal-materja prima kritika

**39 - 53 | L-isforzi għad-diversifikazzjoni tal-importazzjonijiet għad iridu jipproduċu riżultati tanġibbli**

42 - 48 | Id-distorsjonijiet kummerċjali jirrestrinġu l-aċċess għal materja prima kritika, filwaqt li l-effett tal-attivitajiet esterni tal-UE fuq il-provvista ma jistax jiġi ddeterminat

49 - 53 | Is-sħubijiet strateġiċi jtejbju l-kooperazzjoni, iżda ftit jikkontribwixxu biex ikun hemm provvista sigura tal-materjali

**54 - 75 | Ostakli finanzjarji, legali u amministrattivi jfixklu l-progress fil-produzzjoni domestika**

57 - 60 | L-attivitajiet ta' esplorazzjoni mhumiex żviluppatti biżżejjed u huma riskjużi

61 - 64 | L-ipproċessar huwa milqut minn nuqqas ta' teknoloġija u minn għadd dejjem jikkien ta' faċilitajiet fl-UE

- 65 - 69 | Il-finanzjament tal-esplorazzjoni, l-estrazzjoni u l-ipproċessar ta' materja prima kritika fl-UE għadu fil-bidu
- 70 - 75 | Meta l-permessi jdumu biex jinħarġu u l-proċess ikun wieħed kumpless, jinħoloq ostaklu għall-estrazzjoni fl-UE
- 76 - 90 | Il-potenzjal tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi mhuwiex qed jiġi sfruttat bis-sħiħ**
- 78 - 81 | Is-sostituzzjoni tal-materja prima kritika mhijiex koperta biżżejjed mil-leġiżlazzjoni tal-UE, u l-pjanijiet nazzjonali għaċ-ċirkolarità x'aktarx li jiddewmu
- 82 - 86 | Ma teżisti l-ebda mira tal-UE biex tinċentiva r-riċiklaġġ tal-materja prima kritika kollha
- 87 - 90 | L-ostakli fis-suq għar-riċiklaġġ tal-materja prima kritika u l-ostakli regolatorji jxekklu l-kompetittività tal-industrija
- 91 - 104 | It-tikketta tal-proġetti strateġiċi tal-UE tista' ġġib magħha l-benefiċċji, iżda ħafna proġetti se jbatu biex joħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa biex żgur ikun hemm provvista għall-UE sal-2030**
- 94 - 99 | It-tikketta ta' proġett strateġiku tista' ġġib il-benefiċċji, iżda għad hemm sfidi fil-ħruġ ta' permessi u fil-finanzjament
- 100 - 104 | Ħafna proġetti strateġiċi se jbatu biex joħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa biex żgur ikun hemm provvista għall-UE sal-2030

## Annessi

**Anness I – Dwar l-adwitu**

**Anness II – L-għadd ta' materjali skrinjati żdied mill-2011 'il hawn**

**Anness III – Id-*data* dwar ir-riċiklaġġ — skaduta u fiha l-lakuni**

**Anness IV – Kopertura u granularità limitati fid-*data* dwar il-kummerċ**

**Anness V – Tqabbil tal-listi tal-materja prima kritika u tal-materja prima strateġika**

**Anness VI – Rekwiżiti għall-monitoraġġ skont is-CRMA**

**Anness VII – Analiżi tal-kampjun tad-19-il proġett magħżula**

**Abbrevjazzjonijiet**

**Glossarju**

**Risposti tal-Kummissjoni**

**Kronoloġija**

**Tim tal-awditjar**


# 01

## Messaġġi prinċipali

### Għalfejn huwa importanti dan il-qasam?

- 01** L-UE stabbiliet miri ambizzjużi għall-enerġija u l-klima, u impenjat ruħha li tikseb emissjonijiet żero netti sal-2050 u tipproduċi mill-inqas 42.5 % tal-enerġija tagħha minn sorsi rinnovabbli sal-2030. Din it-tranżizzjoni ekoloġika titlob l-użu, fuq skala kbira, ta' teknoloġiji ta' enerġija rinnovabbli bħat-turbini eoliċi, il-batteriji u l-pannelli solari.
- 02** Dawn it-teknoloġiji kollha jeħtieġu materja prima kritika bħal-litju, in-nikil, il-kobalt, ir-ram u l-elementi tal-materjali tal-art rari; il-konsum ta' dawn il-materjali huwa għalhekk mistenni li jiżdied b'mod drammatiku. B'riżultat ta' dan, il-politika tal-UE dwar l-enerġija u l-industrija għanda objettiv ewlieni li toħloq il-kundizzjonijiet meħtieġa biex żgur ikun hemm provvista sigura ta' materjali kritiċi.
- 03** Id-domanda għal materja prima kritika tista' tiġi ssodisfata permezz tal-importazzjonijiet, il-produzzjoni domestika u ġestjoni aktar sostenibbli tar-riżorsi. Il-biċċa l-kbira mill-minerali meħtieġa jiġu estratti u pproċessati barra mill-UE, u l-provvista spiss tkun ikkonċentrata f'pajjiż wieħed jew f'għadd żgħir ta' pajjiżi mhux tal-UE (il-**Figura 1**). Pereżempju, iċ-Ċina tipprovdi 97 % tal-manjeżju tal-UE (użat fl-elettrolizzaturi li jiġġeneraw l-idroġenu) u t-Turkija tipprovdi 99 % tal-boron tal-UE (użat fil-pannelli solari). Dan joħloq sfida għall-awtonomija strateġika tal-UE, u jenfasizza l-ħtieġa li tizzied il-produzzjoni domestika u li r-riżorsi jintużaw b'mod aktar effiċjenti.

**Figura 1 | Il-fornituri prinċipali tal-UE ta' materja prima kritika magħżula**



*Nota:* il-figura turi l-fornituri prinċipali tal-UE għal 18 minn 26 tip ta' materja prima kritika li huma importanti għat-tranżizzjoni tal-enerġija. Aktar minn 25 % tal-provvista tal-UE ta' din il-materja prima kritika (fil-perjodu 2016–2020) hija kkonċentrata f'pajjiż wieħed.

*Sors:* il-QEA, abbażi ta' informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

**04** F'dawn l-aħħar snin, l-UE ħadet għadd ta' passi biex iżżid is-sigurtà tal-provvista ta' materjali kritiċi, inkluża l-adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Materja Prima Kritika u l-Att dwar il-Materja Prima Kritika. Dan ir-rapport jeżamina r-riżultati ta' dawn l-isforzi, jipprovdi kontribut għad-dibattiti ta' politika qabel l-istadju importanti tal-2030, u jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni li għaddejjja tal-Att fil-livell tal-Istati Membri u f'dak tal-Kummissjoni.

**05** L-għan tal-awditu tagħna kien li nivvalutaw jekk l-azzjonijiet fil-livell tal-UE joħolqux il-kundizzjonijiet meħtieġa biex żgur ikun hemm provvista sigura għal żmien twil ta' materja prima kritika għat-tranżizzjoni tal-enerġija tal-UE. Aħna eżaminajna jekk:

- il-politika tal-UE għall-materja prima tistabbilix triq ċara u hijiex ibbażata fuq pedament robust;
- id-diversifikazzjoni tal-importazzjonijiet hijiex qed tibda turi riżultati tanġibbli;
- tneħħewx l-ostakli li jxekklu l-progress fil-produzzjoni domestika;
- il-potenzjal sinifikanti tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi huwiex qed jiġi sfruttat bis-sħiħ; u
- il-proġetti strateġiċi tal-UE għandhomx il-potenzjal li jżidu s-sigurtà tal-provvista ta' materjali kritiċi fl-UE.


## X'sibna u x'nirrakkomandaw

**06** Biex tara li żgur ikun hemm provvista sigura ta' materja prima kritika, l-UE għandha l-għan li tiddiversifika l-importazzjonijiet, iżżid il-produzzjoni domestika, u timmaniġġja r-riżorsi b'mod aktar sostenibbli. Madankollu, hija ssibha diffiċli biex tegħleb l-isfidi biex tilħaq dawn l-oġettivi. Filwaqt li l-Att dwar il-Materja Prima Kritika jistabbilixxi perkors strateġiku, il-miri tiegħu ma għandhomx ġustifikazzjoni u *d-data* ta' bażi mhijiex robusta. L-isforzi biex jiġu diversifikati l-importazzjonijiet għad iridu jipproduċu riżultati tanġibbli, u l-ostakli jfixklu l-progress fil-produzzjoni domestika u r-riċiklaġġ. Filwaqt li l-proġetti strateġiċi jistgħu jibbenefikaw minn fruġ aktar rapidu ta' permessi u aktar viżibbiltà, ħafna proġetti se jbatu biex joħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa biex żgur ikun hemm provvista għall-UE sal-2030.

## Il-politika tal-UE dwar il-materja prima tistabilixxi perkors strateġiku, iżda sserraħ fuq pedamenti li ma ġewx kompluti

**07** L-UE tuża listi biex tidentifika materja prima ewlenija. L-ewwel lista ta' materja prima kritika — definita bħala ekonomikament importanti u suġġetta għal riskji sinifikanti marbuta mal-provvista — ġiet ippubblikata fl-2011 u ġiet segwita minn ħames listi sussegwenti. Barra minn hekk, fl-2024, l-Att dwar il-Materja Prima Kritika introduċa lista ta' 17-il materja prima strateġika. Dawn huma subsett ta' materja prima kritika (il-[Figura 2](#)) li huma partikolarment rilevanti għad-domanda futura f'setturi strateġiċi, inkluż is-settur tal-enerġija rinnovabbli. Aħna sibna li dawn il-listi huma għodod utli għall-prijoritizzazzjoni, u li l-informazzjoni dwar il-provvista u d-domanda li fuqha huma bbażati tjiebet matul is-snin. Madankollu, hemm punti mhux viżibbli fid-*data* dwar il-kummerċ użata għal-listi tal-materjali kritiċi u strateġiċi kif ukoll problemi bil-metodoloġija u l-projezzjonijiet tad-domanda għall-materjali strateġiċi. Dawn id-dgħufijiet inaqqsu l-affidabbiltà taż-żewġ listi (il-paragrafi [25–30](#)).

**Figura 2 | Kaskata tal-materja prima**



*Nota:* hemm żewġ tipi ta' element tal-materjali tal-art rari kklassifikati bħala materja prima kritika separata: elementi tal-materjali tal-art rari ħfief u elementi tal-materjali tal-art rari tqal. Xi elementi miż-żewġ gruppi huma kkombinati f'materja prima strateġika waħda msejja: elementi tal-materjali tal-art rari għall-kalamiti permanenti.

Sors: il-QEA.

- 08** Il-miri stabbiliti fl-Att jistabbilixxu t-triq għall-Istati Membri u għall-industrija, iżda mhumiex vinkolanti, ikopru biss il-materja prima strateġika u ma għandhomx ġustifikazzjoni. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda metodoloġija għall-ponderazzjoni tal-kontribut ta' kull materjal biex jintlaħqu l-miri. Lanqas ma huwa ċar kif dawn jikkontribwixxu biex jinkisbu l-miri tal-UE dwar l-enerġija rinnovabbli u dawk tal-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti (il-paragrafi **31–34**).
- 09** Il-finanzjament mill-UE huwa disponibbli għal inizjattivi relatati ma' materja prima kritika iżda huwa mxerred 'l hemm u 'l hawn fi programmi, strumenti u direttorati ġenerali differenti tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni ma żżommx taħt għajnejha r-riżultati ta' dan il-finanzjament u ma vvalutatx l-effetti tiegħu fuq il-provvista tal-UE. Sa issa, l-użu tal-finanzjament mill-UE biex jiġu appoġġati proġetti f'pajjiżi mhux tal-UE kien limitat (il-paragrafi **35–38**).



## Rakkomandazzjoni 1

### Issaħħaħ il-pedamenti tal-politika tal-UE dwar il-materja prima

Jenħtiegħ li l-Kummissjoni:

- (a) ittejjeb l-affidabbiltà tal-listi tal-materja prima kritika u strateġika, billi ttejjeb il-granularità tad-*data* dwar il-kummerċ, kif ukoll tirfina l-metodoloġija u l-projezzjonijiet tad-domanda għall-materja prima strateġika;
- (b) tara li l-miri futuri f'dak li jikkonċerna l-materja prima jkunu ġustifikati sew, u tiċċara kif dawn jikkontribwixxu għall-miri tal-UE dwar l-enerġija rinnovabbli u dawk tal-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti;
- (c) tara li jkun hemm metodoloġija ċara għall-ponderazzjoni tal-kontribut ta' kull materja prima biex jintlaħqu l-miri f'dak li jikkonċerna l-materja prima;
- (d) iżżomm taħt għajnejha l-finanzjament mill-UE għal proġetti u inizjattivi relatati ma' materja prima kritika, u tivvaluta l-effetti fuq il-provvista tal-UE.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2027**

## L-isforzi għad-diversifikazzjoni tal-importazzjonijiet għad iridu jipproduċu riżultati tanġibbli

- 10** L-UE bħalissa tiddependi ħafna fuq l-importazzjonijiet ta' materja prima minn pajjiżi mhux tal-UE. L-Att dwar il-Materja Prima Kritika jirrikjedi li l-Istati Membri jaraw li, sal-2030, mhux aktar minn 65 % ta' kull 17-il materja prima strateġika toriġina minn pajjiż wieħed mhux tal-UE. Fl-istadju tal-ipproċessar, erba' tipi ta' materja prima strateġika, li huma rilevanti għat-tranżizzjoni tal-enerġija (litju, manjeżju, gallju u elementi tal-materjali tal-art rari) bħalissa jaqbżu dan is-soll. Fil-każ tal-estrazzjoni, aktar minn 65 % tal-provvista tal-boron tal-UE tiġi minn pajjiż wieħed mhux tal-UE (il-paragrafi [39–40](#)).
- 11** F'dawn l-aħħar snin, l-UE żiedet l-attivitajiet esterni tagħha relatati mal-materja prima kritika, inkluż permezz ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles. Madankollu, il-punt sa fejn dawn wasslu għal provvista msaħħa mhuxwixx ċar billi bħalissa ma hemm l-ebda informazzjoni kwantifikata disponibbli. Fl-istess ħin, id-distorsjonijiet kummerċjali u l-kriżijiet ġeopolitiċi jipperikolaw is-sigurtà tal-provvista tal-UE (il-paragrafi [42–48](#)).

- 12** Aħna sibna li sforzi oħra biex jiġu ddiversifikati l-importazzjonijiet, bħal sħubijiet strateġiċi u pjanijiet direzzjonali ma' pajjiżi mhux tal-UE, itejbu l-kooperazzjoni, iżda f'it jikkontribwixxu għall-provvista sigura ta' materja prima kritika. Filwaqt li l-Kummissjoni timmonitorja l-progress fl-implimentazzjoni b'mod ġenerali, hija ma timmonitorjax l-effett ta' dawn l-inizjattivi fuq il-provvista. In-nuqqas ta' riżultati tanġibbli huwa parzjalment dovut għal pjanijiet direzzjonali neqsin jew mdewma u għan-nuqqas ta' proġetti speċifiċi relatati għall-provvista ta' materja prima lill-UE (il-paragrafi [49–53](#)).



## Rakkomandazzjoni 2

### Tara li l-isforzi għad-diversifikazzjoni tal-importazzjonijiet iwasslu għal provvista aktar sigura ta' materja prima kritika

Jenħtieġ li l-Kummissjoni:

- (a) tanalizza l-impatt tal-ftehimiet kummerċjali tal-UE li għandhom dispożizzjonijiet rilevanti għall-materja prima kritika. Dan biex tiddetermina jekk dawn il-ftehimiet iwasslux għal provvista aktar sigura ta' materja prima kritika lill-UE u, abbażi ta' dan, ittejjeb il-ftehimiet futuri;
- (b) tivvaluta, regolarment, is-sħubijiet strateġiċi biex tiddetermina l-kontribut li jagħtu għall-provvista ta' materja prima kritika lill-UE, u tidentifika inizjattivi ta' suċċess li jistgħu jiġu replikati biex jappoġġaw aħjar l-implimentazzjoni ta' dawn is-sħubijiet kollha.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2026**

## Ostakli finanzjarji, legali u amministrattivi jfixklu l-progress fil-produzzjoni domestika

- 13** Il-produzzjoni tal-materja prima kritika teħtieġ l-esplorazzjoni, l-estrazzjoni u l-ipproċessar, li fl-UE jseħħu biss fuq skala limitata. L-Att dwar il-Materja Prima Kritika jstabbilixxi mira mhux vinkolanti biex l-estrazzjoni domestika ta' materjali strateġiċi tingħata spinta biex tilħaq l-10 % u l-ipproċessar biex jilħaq l-40 %. Sibna li l-ostakli finanzjarji, legali u amministrattivi jfixklu l-progress f'dan il-qasam.
- 14** L-esplorazzjoni tad-depożiti fl-UE għadha mhijiex żviluppata biżżejjed. Għadhom kif bdew l-isforzi biex tittejjeb l-“esplorazzjoni ġenerali”, jiġifieri biex jiġi ddeterminat jekk jeżistux riżorsi li jistgħu jiġu sfruttati, b'mod partikolari permezz tal-[EuroGeoSurveys](#) u l-programmi ta' esplorazzjoni nazzjonali. L-“esplorazzjoni minerali mmirata” aktar iffukata u avvanzata hija sforz ta' riskju għoli b'rata baxxa ta' suċċess (il-paragrafi [57–60](#)).

- 15** Il-materja prima kritika tiġi pproċessata l-aktar barra mit-territorju tal-UE. Fl-UE, l-ipproċessar huwa milqut minn nuqqas ta' teknoloġija u minn għadd dejjem jikkien ta' faċilitajiet. Fl-2025, il-Kummissjoni nediet sensiela ta' attivitajiet biex issaħħaħ il-kompetittività ta' firxa wiesgħa ta' setturi u tindirizza l-kostijiet għoljin tal-enerġija. Għadu kmieni wisq biex jiġi vvalutat kif jew sa liema punt dawn l-inizjattivi se jgħinu biex tittejjeb is-sitwazzjoni għall-ipproċessar tal-materja prima kritika fl-UE (il-paragrafi 61–64).
- 16** Il-gvernijiet tal-Istati Membri u l-banek pubbliċi Ewropej qed jippjanaw li jinvestu aktar fis-settur. Madankollu, l-attivitajiet ta' esplorazzjoni, estrazzjoni u pproċessar fl-UE bħalissa qed iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet sinifikanti fil-passi li jittieħdu biex żgur ikun hemm finanzjament. Biex tiffaċilita l-investimenti, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tinkludi kriterji ta' finanzjament sostenibbli għall-estraxxjoni u l-ipproċessar fit-tassonomija tal-UE sa tmien l-2021 iżda, sa issa, għadha ma ressqitx proposta (il-paragrafi 65–69).
- 17** It-tul u l-kumplessità tal-proċess tal-ħruġ ta' permessi għadhom jikkostitwixxu ostaklu sinifikanti, u dan idewwem il-bidu tal-proġetti ta' estraxxjoni tal-UE. Minbarra l-ostakli amministrattivi, il-kunsiderazzjonijiet ambjentali u soċjali wkoll jolqtu l-ammont ta' żmien meħtieġ għall-proċeduri għall-ħruġ ta' permessi. Il-Kummissjoni ċċarat il-kundizzjonijiet għall-estraxxjoni fiż-żoni ta' Natura 2000, iżda ma għamlitx dan fir-rigward tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma. Bdiet tindirizza wkoll l-ostakli fil-ħruġ ta' permessi fl-Att dwar il-Materja Prima Kritika, prinċipalment permezz ta' soluzzjonijiet ta' punt uniku ta' servizz (il-paragrafi 70–75).



### Rakkomandazzjoni 3

#### Tindirizza l-ostakli fil-finanzjament li jxekklu l-progress tal-produzzjoni tal-materja prima kritika fl-UE

Jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjoni biex tiżviluppa rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq l-evidenza ħalli tiffaċilita l-investimenti fl-esplorazzjoni, l-estraxxjoni u l-ipproċessar ta' materja prima kritika, u tqis azzjoni politika rilevanti.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2027**

## Il-potenzjal tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi mhux qed jiġi sfruttat bis-sħiħ

- 18** Il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tista' tnaqqas id-domanda tal-UE għal materja prima kritika permezz taċ-ċirkolarità, is-sostituzzjoni u l-effiċjenza fir-riżorsi. L-Att dwar il-Materja Prima Kritika huwa pass ewlieni fit-titjib taċ-ċirkolarità ta' dawn il-materjali, u jikkomplementa l-leġislazzjoni eżistenti. Huwa jistabbilixxi mira mhux vinkolanti li mill-inqas 25 % tal-materja prima strateġika tal-UE jenħtieġ li toriġina minn sorsi riċiklati sal-2030, u jintroduċi pjanijiet nazzjonali għaċ-ċirkolarità.
- 19** Madankollu, il-potenzjal tal-ġestjoni tar-riżorsi biex jitnaqqsu l-ħtiġijiet tal-UE għall-materja prima kritika primarja (riżorsi estratti direttament min-natura) mhux qed jiġi sfruttat bis-sħiħ. Pereżempju, l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti, li jiffoka fuq iż-żieda fil-kapaċità tal-manifattura tal-UE għal teknoloġija b'emissjonijiet żero netti, ma jkopri is-sostituzzjoni tal-materjali. Id-dewmien fl-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni x'aktarx li jipposponi t-tħejji u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali għaċ-ċirkolarità. Barra minn hekk, il-biċċa l-kbira mill-miri tal-UE għar-riċiklaġġ la jinċentivaw ir-riċiklaġġ ta' materjali individwali u lanqas ma jħeġġu l-użu ta' materjali riċiklati (il-paragrafi [78–86](#)).
- 20** Barra minn hekk, l-ostakli fis-suq, bħall-kostijiet għoljin tal-ipproċessar, id-disponibbiltà limitata tal-materjali, u l-problemi teknoloġiċi, ikomplu jfixx l-kompetittività tas-settur tar-riċiklaġġ tal-UE. Filwaqt li r-riċiklaġġ diġà huwa ekonomikament vijabbli għal xi materja prima kritika, fejn jintużaw kwantitajiet iżgħar dan għadu sottożviluppat. Il-leġislazzjoni reċenti hija maħsuba biex tkompli ttejjeb ir-riċiklabbiltà tal-materja prima kritika permezz ta' rekwiżiti tat-tikkettar, u billi tipromwovi ċ-ċirkolarità diġà fl-istadju ta' tfassil tal-prodott. Madankollu, għadhom jippersistu l-ostakli regolatorji (eż. dawk li jolqtu l-kummerċ tal-iskart) u l-ostakli fis-suq, li jillimitaw il-vijabbiltà kummerċjali tal-operazzjonijiet ta' riċiklaġġ (il-paragrafi [87–90](#)).



#### Rakkomandazzjoni 4

### Tinqeda aħjar mill-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi biex titnaqqas id-dipendenza fuq il-materja prima kritika primarja

Jenħtieġ li l-Kummissjoni:

- (a) meta tirrieżamina l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti, tqis l-inklużjoni tas-sostituzzjoni tal-materja prima kritika fil-kamp ta' applikazzjoni, b'mod partikolari billi trawwem l-innovazzjoni fid-disinn tal-prodotti;
- (b) fil-leġiżlazzjoni rilevanti, tqis, meta jkun teknikament fattibbli, l-introduzzjoni ta' miri vinkolanti għar-riċiklaġġ għall-materja prima kritika individwali, u miri realistiki għall-ġbir u l-irkupru għall-iskart li jkun fih materja prima kritika;
- (c) ittejjeb il-vijabbiltà kummerċjali tal-operazzjonijiet tar-riċiklaġġ tal-materja prima kritika billi tkompli tiffaċilita kemm l-importazzjonijiet lejn l-UE kif ukoll il-movimenti, fi ħdan l-UE, tal-iskart li jkun fih materja prima kritika.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2029**

## It-tikketta tal-proġetti strateġiċi tal-UE tista' ġġib magħha l-benefiċċji, iżda ħafna proġetti se jbatu biex joħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa ħalli żgur ikun hemm provvista għall-UE sal-2030

**21** Il-proġetti strateġiċi l-ġodda introdotti mill-Att dwar il-Materja Prima Kritika jistgħu potenzjalment itejbu l-estrazzjoni, l-ipproċessar u r-riċiklaġġ domestiċi tal-UE. Il-proġetti ddeżinjati bħala strateġiċi jistgħu jibbenefikaw minn ħruġ aktar rapidu ta' permessi u viżibbiltà akbar. Madankollu, diversi fatturi jnaqqsu l-valur miżjud tal-istrument tal-proġett strateġiku tal-UE. L-ewwel nett, l-appelli kontra l-ħruġ tal-permessi xorta jaf jikkawżaw dewmien. It-tieni, l-Att ma jipprevedi l-ebda finanzjament mill-UE għal proġetti strateġiċi. It-tielet, minn Novembru 2025, il-Kummissjoni nediet biss żewġ sejħiet għal dawn il-proġetti — waħda f'Mejju 2024 u l-oħra f'Settembru 2025 — minkejja li l-Att jeħtieġ li jinfetħu mill-inqas erba' sejħiet kull sena, u li jibdew fl-2025. Barra minn hekk, il-proġetti strateġiċi jiffukaw biss fuq il-materja prima strateġika, u mhux fuq il-materja prima kritika kollha. Dan ifisser li proġetti li jinvolvu materjali oħra li huma vitali għat-tranżizzjoni tal-enerġija ma jstgħux jiġu rikonoxxuti bħala strateġiċi (il-paragrafi [91–99](#)).

**22** Ħafna proġetti magħżula se jbatu biex joħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa biex żgur ikun hemm provvista għall-UE sal-2030, b'mod partikolari dawk fl-istadji bikrija tal-iżvilupp jew dawk li ma għandhomx ftehimiet ta' xiri ma' klijenti bbażati fl-UE. Hekk kif qed noqorbu lejn l-2030, il-kontribut għall-miri tal-2030 se jsir dejjem aktar diffiċli għal proġetti futuri. (il-paragrafi [100–104](#)).



## Rakkomandazzjoni 5

### Iżżid il-valur miżjud tal-proġetti strateġiċi tal-UE

Jenħtieġ li l-Kummissjoni, bħala parti mill-evalwazzjoni tal-Att dwar il-Materja Prima Kritika fl-2029, tikkunsidra li testendi l-eliġibbiltà għal proġetti strateġiċi għal aktar tipi ta' materja prima kritika li huma rilevanti għat-tranżizzjoni tal-enerġija, filwaqt li tipprijoritizza proġetti li għandhom ftehimiet ta' xiri ma' klijenti bbażati fl-UE u tippermetti l-għażla ta' proġetti b'perjodu itwal.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2029**

# 02

## Ħarsa aktar mill-qrib lejn l-osservazzjonijiet tagħna

### Il-politika tal-UE dwar il-materja prima tistabbilixxi perkors strateġiku, iżda sserraĥ fuq pedamenti li ma ġewx kompluti

- 23** F'din il-parti tar-rapport, aħna nivvalutaw jekk il-politika tal-UE dwar il-materja prima kritika hijiex mibnija fuq pedamenti sodi. F'konformità mal-[prinċipji ta' Regolamentazzjoni Aħjar](#) tal-UE, it-tfassil tal-politika jenħtieġ li jinbena fuq *data* ġustifikazzjoni robusti.
- 24** Biex ngħinu ħalli żgur ikun hemm provvista sigura ta' materja prima kritika (CRMs), iivvalutajna:
- kif il-Kummissjoni għażlet il-materja prima li fuqha għandha tiffoka,
  - jekk il-miri stabbiliti humiex adegwati, u
  - jekk il-Kummissjoni tistax turi l-effetti tal-finanzjament mill-UE fuq il-provvista tas-CRMs.






## Il-listi tal-UE jidentifikaw materja prima ewlenija, iżda d-*data*, il-projezzjonijiet u l-metodoloġija ta' bażi għandhom in-nuqqasijiet

**25** Bi tweġiba għat-tħassib dejjem jikber dwar it-tfixkil fil-provvista, il-Kummissjoni nediet l-ewwel valutazzjoni tal-kritikalità tagħha fl-2011 biex tidentifika materja prima kritika li hija ekonomikament importanti u li tħabbat wiċċha ma' riskji sinifikanti marbuta mal-provvista<sup>1</sup>. L-aktar lista reċenti mill-2023 hija inkorporata fl-Att dwar il-Materja Prima Kritika (CRMA). Mill-34 materjal kritiku identifikati mill-Kummissjoni, 26 huma meħtieġa għat-teknoloġiji ewlenin ta' enerġija rinnovabbli (il-*Figura 3*).

---

<sup>1</sup> [https://rmis.jrc.ec.europa.eu/uploads/crm-report-on-critical-raw-materials\\_en.pdf](https://rmis.jrc.ec.europa.eu/uploads/crm-report-on-critical-raw-materials_en.pdf).

**Figura 3 | Il-materja prima kritika hija meħtieġa għat-teknoloġiji ta' enerġija rinnovabbli**

	 Elettrolizzaturi	 Turbini eoliċi	 Batteriji tal-joni tal-litju għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli	 Pompi tas-sħana	 Impjanti solari fotovoltajċi
Aluminju/boksajt	●	●	●	●	●
Ram	●	●	●	●	●
Nikil	●	●	●	●	●
Siliċju	●	●		●	●
Manganiż	●	●	●	●	
Boron	●	●		●	●
Elementi tal-materjali tal-art rari tqal	●	●		●	
Elementi tal-materjali tal-art rari ħfief	●	●		●	
Kobalt	●		●		
Grafit naturali	●		●		
Metalli tal-grupp tal-platinu	●			●	
Barit	●				
Manjeżju	●				
Skandju	●				
Stronzju	●				
Tantalju	●				
Tungstenu	●				
Vanadju	●				
Nijobju	●	●			
Antimonju					●
Arseniku					●
Litju			●		
Fosforu			●		●
Fluworit			●	●	●
Gallju					●
Ġermanju					●

Sors: JRC, Supply chain analysis and material demand forecast in strategic technologies and sectors in the EU — A foresight study, 2023.

- 26** L-Att introduċa wkoll 17-il tip ta' materja prima strateġika (SRMs), li huma subsett ta' CRMs. Dawn il-materjali huma meqjusa essenzjali għat-teknoloġiji strateġiċi użati mis-setturi tal-UE ddedikati għall-ekoloġija, l-affarijiet diġitali, id-difiża u l-affarijiet ajruspazjali. L-UE tuża ż-żewġ listi biex tiffoka l-attenzjoni fuq materjali ewlenin meħtieġa għall-ekonomija Ewropea. Aħna sibna li dawn il-listi huma għodod utli biex issir prijoritizzazzjoni, u jgħinu biex jiggwidaw l-ippjanar strateġiku għat-tranżizzjoni tal-enerġija.
- 27** Analizzajna l-metodoloġija tal-Kummissjoni għall-għażla tal-materja prima kritika u strateġika, u eżaminajna jekk din isserrax fuq *data* robusta. Ir-risultati tax-xogħol tagħna, ippreżentati fit-**Tabella 1**, juru d-differenzi prinċipali bejn il-listi tal-materjali kritiċi u strateġiċi, filwaqt li jiżvelaw ukoll punti mhux viżibbli fl-identifikazzjoni ta' dawn il-materjali.

**Tabella 1 | Materja prima kritika meta mqabbla ma' materja prima strateġika: differenzi ewlenin u punti mhux viżibbli**

	CRMs	SRMs
<b>Definizzjoni</b>	Materja prima li hija ekonomikament importanti għall-UE b'riskju għoli marbut mal-provvista	Subsett ta' CRMs, essenzjali għat-teknoloġiji u s-setturi strateġiċi.
<b>Implikazzjonijiet politiċi</b>	Prijorità politika aktar baxxa (eż. ħruġ tal-permessi standard).	Prijorità politika oġhla b'regoli speċifiċi (eż. ħruġ aktar rapidu tal-permessi, deżinjazzjoni tal-proġetti strateġiċi, miżuri mmirati fil-livell tal-katina tal-provvista).
<b>Orjentazzjoni temporali u kopertura</b>	Kunċett li jħares lura, ibbażat fuq ir-riskji storiċi marbuta mal-provvista, l-importanza ekonomika attwali u d- <i>data</i> eżistenti tas-suq.	Kunċett li jħares 'il quddiem, ibbażat fuq ir-rilevanza għat-teknoloġiji strateġiċi u t-tkabbir proġettat fid-domanda.
<b>Metodoloġija</b>	Metodoloġija robusta u trasparenti, li mill-2011 'il hawn tjiebet.	L-ebda metodoloġija stabbilita kif xieraq; is-CRMA tiddekrivi approċċ ġenerali għall-għażla tal-SRMs, iżda ma tiddefinix kif il-kriterji tal-għażla differenti għandhom jiġu ponderati u prijoritizzati.
<b>Trasparenza</b>	Analiżi estensiva u regolari appoġġata minn esperti esterni, li r-riżultati tagħha jiġu ppubblikati fi studju komprensiv	Il-valutazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni mhijiex trasparenti billi r-riżultati tagħha (minbarra l-lista tal-SRMs) ma ġewx ippubblikati.
<b>Kompletezza tas-sorsi tad-<i>data</i> u tal-projezzjonijiet</b>	Aktar materjali użati f'kull analiżi mill-2011 'il hawn (I- <i>Anness II</i> ). Il-kwalità ġenerali tad- <i>data</i> tjiebet, b'mod partikolari l-granularità tad- <i>data</i> dwar il-produzzjoni, iżda għad hemm lakuni fid- <i>data</i> , b'mod partikolari għall-materja prima riċiklata (I- <i>Anness III</i> ) u l-kummerċ (I- <i>Anness IV</i> ).	Il-projezzjonijiet tad-domanda attwali ma jippermettux distinzjoni bejn id-domanda tal-UE għall-materja prima u s-CRMs diġà inkorporati f'komponenti li huma importati fl-UE. Id-domanda għal xi teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli (bħall-grilji ġeotermali, idroelettriċi) u grilji elettriċi ma kinitx ipproġettata. Il-Kummissjoni tuża indikaturi minflok <i>data</i> f'ħin reali għall-kriterji tal-SRMs skont is-CRMA.
<b>Il-puntwalità tad-<i>data</i></b>	<i>Data</i> skaduta (eż. valutazzjoni tal-2023 li tkopri l-perjodu 2016–2020).	<i>Data</i> skaduta (eż. valutazzjoni tal-2023 li tkopri l-perjodu 2016–2020)



pożittiva



stampja mħallta



dgħufijiet sinifikanti identifikati

Sors: analiżi mwettqa mill-QEA.

- 28** Qabbilna wkoll il-listi tal-UE ma' listi simili ppubblikati mill-Awstralja, l-Indja, il-Ġappun, il-Korea t'Isfel, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti. Il-materjali kollha identifikati mill-UE bħala rilevanti għat-teknoloġiji ta' enerġija rinnovabbli dehru f'mill-inqas waħda minn dawn il-listi (l-[Annex V](#)). Madankollu, it-tellurju u l-indju, meqjusa kritiċi ħafna għat-tranżizzjoni tal-enerġija<sup>2</sup>, huma notevolment assenti mil-listi attwali tal-UE, minkejja li jidhru fil-listi ta' ħames u sitta mill-pajjiżi analizzati, rispettivament.
- 29** Kif rikonoxxut fl-istudju ta' valutazzjoni tal-kritikalità<sup>3</sup> u kkonfermat mill-analiżi tagħna fit-[Tabella 1](#), il-problemi bid-*data* jnaqqsu l-affidabbiltà tal-proċess tal-għażla tal-materja prima kritika. Fil-każ ta' materja prima strateġika, kwistjonijiet bid-*data* u bil-projezzjonijiet, flimkien ma' nuqqasijiet metodoloġiċi, ikabbru l-istess problema. B'mod ġenerali, id-dgħufijiet identifikati jimminaw l-affidabbiltà taż-żewġ listi.
- 30** Ivalutajna wkoll id-dispożizzjonijiet il-ġodda ta' monitoraġġ fl-Att dwar il-Materja Prima Kritika (l-[Annex VI](#)). Sibna li dawn għandhom il-potenzjal li jtejbju d-disponibbiltà tad-*data*. Madankollu, dawn id-dispożizzjonijiet la jindirizzaw il-problemi tad-*data* dwar il-kummerċ u lanqas jindirizzaw il-limitazzjonijiet eżistenti tal-projezzjoni tad-domanda. Dan ifisser li mhux it-teknoloġiji rinnovabbli u l-ħtiġijiet tal-manifattura kollha huma koperti.


## Il-miri strateġiċi tal-materja prima jipprovdu direzzjoni, iżda ma għandhomx ġustifikazzjoni

- 31** L-Att dwar il-Materja Prima Kritika jstabbilixxi miri mhux vinkolanti għall-2030 (li fl-Att jissejġu "parametri referenzjarji") għall-estrazzjoni, l-ipproċessar, ir-riċiklaġġ u d-diversifikazzjoni tal-importazzjoni tal-materja prima strateġika (il-[Figura 4](#)). Ma hemm l-ebda mira għal dawk il-materjali kritiċi li mhumiex ikklassifikati bħala strateġiċi. L-intervisti li wettaqna mal-partijiet ikkonċernati tal-industrija u l-istħarriġ tagħna, li bgħatna lill-Istati Membri kollha, juru li dawn il-miri, b'mod ġenerali, huma milqugħa sakemm jibqgħu mhux vinkolanti.

<sup>2</sup> Constructing a ranking of critical materials for the global energy transition, IRENA.

<sup>3</sup> Study on the critical raw materials for the EU 2023 — Publications Office of the EU, il-kapitolu 3.4 Limitations of the criticality assessments.

## Figura 4 | Il-miri mhumiex vinkolanti, u huma stabbiliti biss għal materja prima strateġika



Sors: il-QEA.


### 32 Ivalutajna kif ġew iddeterminati l-miri, u sibna li:

- ma hemm l-ebda ġustifikazzjoni f'termini ta' kif ġew iddeterminati l-miri tad-diversifikazzjoni, l-estrazzjoni, l-ipproċessar u r-riċiklaġġ kif proposti mill-Kummissjoni, la fis-CRMA, fil-valutazzjoni tal-impatt tal-2023, u lanqas fi kwalunkwe dokument pubbliku jew intern ieħor tal-Kummissjoni;
- ma hemm l-ebda indikazzjoni dwar kif, jew sa liema punt, l-ilħuq tal-miri jikkontribwixxi għall-miri tal-enerġija rinnovabbli tal-UE, jew kif dawn jirrelataw mal-miri tal-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti;
- l-informazzjoni li kienet disponibbli meta ġew stabbiliti l-miri kienet limitata minn lakuni fid-data u data skaduta (it-**Tabella 1**).

### 33 Barra minn hekk, kull waħda mill-miri tal-2030 għall-estrazzjoni, l-ipproċessar u r-riċiklaġġ hija mira aggregata għat-tipi ta' materja prima strateġika kollha koperti. Dan inaqqas is-sinifikat ġenerali tagħhom billi jistgħu jinkisbu mingħajr ma neċessarjament iwasslu għal titjib għall-materjali individwali. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda metodoloġija għall-ponderazzjoni tal-kontribut li kull materja prima strateġika jkollha biex jintlaħqu l-miri.

**34** L-analiżi li wettaqna turi li r-raġunament wara dawn il-miri mhuwiex ċar. Aħna sibna li waħda minn dawn il-miri ma kinitx ħafna oġġla mill-valur ta' bażi. Stmajna li meta ġew stabbiliti l-miri, il-kapaċità tal-estrazzjoni domestika tal-UE għall-materja prima strateġika kollha diġà kienet tirrappreżenta madwar 8 % tal-konsum annwali tal-UE, li huwa qrib il-mira ta' 10 %. Madankollu, għal ħafna materjali individwali bħall-grafit naturali jew l-elementi tal-materjali tal-art rarii, l-UE kienet ferm 'il bogħod milli tilħaq il-livell fil-mira. Għar-riċiklaġġ, stmajna li l-kapaċità kienet ta' madwar 12 % meta ġiet stabbilita l-mira, li hija madwar nofs triq lejn il-mira ta' 25 %. Għall-ipproċessar, stmajna li l-kapaċità tirrappreżenta madwar 24 %, li hija 'l bogħod ferm mill-mira ta' 40 % (il-[Figura 5](#)).

**Figura 5 | Il-kapaċità medja tal-produzzjoni tal-UE u l-progress lejn il-miri tal-2030**



“Mhux applikabbli” tfisser li jew ma jkun hemm l-ebda stadju ta’ dan it-tip, jew il-valutazzjoni f’dak l-istadju ma tkunx sinifikattiva, skont il-Kummissjoni. Il-materjali rispettivi għalhekk ġew esklużi mill-kalkolu tagħna.


**Nota:** il-kapaċità medja tal-produzzjoni tal-UE hija l-ammont tipiku ta’ materja prima speċifika li l-UE tista’ tipproduċi kull sena, bħala medja, bl-użu tal-faċilitajiet u r-riżorsi industrijali eżistenti tagħha.

**Sors:** analiżi mwettqa mill-QEA abbażi ta’ data pprovduta mill-Kummissjoni.

## Mhuwiex ċar l-effett tal-finanzjament mill-UE fuq il-provvista tal-materja prima kritika

**35** L-azzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-politika tal-UE dwar il-materja prima huma ffinanzjati minn diversi programmi tal-UE li b’mod partikolari jappoġġaw id-diversifikazzjoni tal-importazzjoni, itejbu r-riċiklaġġ u jippromwovu r-riċerka u l-innovazzjoni. Skont id-*data* tal-Kummissjoni, aktar minn EUR 1.8 biljun ġew allokati għall-inizjattivi relatati mas-CRMs matul il-perjodu 2014–2020 u l-perjodu 2021–2027. L-aktar kontribuzzjonijiet sinifikanti ġejjin minn Orizzont 2020 u minn Orizzont Ewropa, segwiti minn fondi għall-innovazzjoni, il-koeżjoni u l-iżvilupp (il-*Figura 6*).

**Figura 6 | Il-finanzjament mill-UE għal materja prima kritika u l-ġestjoni tagħha huwa frammentat (2014–2027)**



*Nota:* it-tabella tirrifletti l-impenji jew il-pagamenti, u teskludi s-self u l-garanziji. Ittieħdu ammonti oġġla relatati f’każ li ż-żewġ ċifri kienu disponibbli.

*Sors:* il-QEA, abbażi ta’ informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.


- 36** L-informazzjoni dwar l-inizjattivi u l-proġetti relatati mas-CRM iffinanzjati mill-UE hija mxerrda 'l hemm u 'l hawn f'bosta direttorati ġenerali tal-Kummissjoni. Aħna sibna li ma jsir l-ebda traċċar xieraq tar-riżultati, u li l-Kummissjoni ma analizzatx l-effetti tal-inizjattivi fuq il-provvista tal-UE, billi l-qafas finanzjarju pluriennali 2021–2027 ma jiddefinix il-materja prima kritika bħala prijorità. Pereżempju, il-finanzjament mill-UE ntuża għal proġetti li jkopru l-użu sostenibbli tal-materja prima — inkluż l-ipproċessar tal-iskart, il-[materjali avvanzati](#) u s-sostituzzjoni. Madankollu, il-Kummissjoni ma tistax turi l-effetti ta' dan il-finanzjament.
- 37** Barra minn hekk, il-pjan ta' azzjoni 2020 isemmi speċifikament is-sorsi li għandhom jintużaw għall-implimentazzjoni tiegħu, jiġifieri Orizzont Ewropa u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali. Il-Kummissjoni tista' turi li użat dawn fondi biex tappoġġa proġetti taħt il-pjan ta' azzjoni. Madankollu, ma tistax turi l-effetti ta' dan il-finanzjament fuq il-provvista ta' materja prima kritika.
- 38** Barra minn hekk, il-pjan ta' azzjoni 2020 irrakkomanda li l-Kummissjoni, l-Istati Membri u partijiet ikkonċernati oħra jiżviluppaw mekkaniżmu ta' finanzjament għal proġetti relatati mal-materja prima kritika barra mill-UE. Madankollu, f'Ġunju 2025, il-Kummissjoni rrikonoxxiet li l-użu tal-finanzjament mill-UE biex jiġu appoġġati proġetti ta' dan it-tip għadu "relattivament limitat", u ma tafx sa liema punt dawn is-sorsi se jimmobilizzaw b'mod effettiv l-investment privat<sup>4</sup>.

## L-isforzi għad-diversifikazzjoni tal-importazzjonijiet għad iridu jipproduċu riżultati tanġibbli

- 39** Għall-biċċa l-kbira mill-materja prima kritika — inklużi s-26 li huma rilevanti għat-tranżizzjoni tal-enerġija — l-UE sserraħ fuq l-importazzjonijiet minn pajjiżi mhux tal-UE. Għal 10 materjali ta' dan it-tip, l-UE sserraħ għalkollox fuq l-importazzjonijiet (il-[Figura 7](#)).

<sup>4</sup> Risposta ta' DG INTPA għal kwestjonarju tal-QEA, bid-data tat-2 ta' Ġunju 2025.

**Figura 7 | L-UE sserraħ ħafna fuq l-importazzjonijiet ta' materja prima kritika**




*Nota:* id-dipendenza fuq l-importazzjoni hija l-perċentwal ta' CRMs fornuti minn barra l-UE, li jindika d-dipendenza tal-UE fuq l-importazzjonijiet biex tiġi ssodisfata d-domanda. Valuri ogħla jirriflettu vulnerabbiltà akbar għal interruzzjonijiet fil-provvista esterna.

Sors: il-QEA, abbażi ta' informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni (2016–2020).

**40** Sabiex jitnaqqsu r-riskji marbuta ma' din id-dipendenza, l-Att dwar il-Materja Prima Kritika jistabilixxi mira mhux vinkolanti li sal-2030, mhux aktar minn 65 % ta' kull materja prima strateġika tista' toriġina minn pajjiż wieħed mhux tal-UE, kemm jekk mhux ipproċessat kif ukoll fi kwalunkwe stadju tal-ipproċessar. Fl-istadju tal-estrazzjoni (jiġifieri materja prima strateġika mhux ipproċessata), b'ħalissa hemm dipendenza waħda tal-UE ta' aktar minn 65 % għall-boron (it-Turkija, 99 %). Fl-istadju tal-ipproċessar, dan huwa l-każ għal erba' materjali strateġiċi rilevanti għat-tranżizzjoni tal-enerġija: il-litju (iċ-Ċili), il-manjeżju, il-gallju u l-elementi tal-materjali tal-art rari (iċ-Ċina kollha) (il-**Figura 8**).

**Figura 8 | Id-dipendenza tal-UE fuq materja prima strateġika pproċessata u li ġejja minn pajjiżi individwali hija 'l fuq minn 65 %**



Sors: il-QEA, abbażi ta' data tad-DĠ GROW minn Jannar 2025.

**41** Huma meħtieġa sforzi sinifikanti biex tiġi indirizzata d-dipendenza tal-UE, u dan jeħtieġ kooperazzjoni ma' pajjiżi mhux tal-UE. Għalhekk, aħna vvalutajna jekk it-tipi prinċipali ta' mekkaniżmi ta' kooperazzjoni tal-UE ma' pajjiżi mhux tal-UE wrewx riżultati tanġibbli u wasslux għal importazzjonijiet aktar diversifikati ta' CRMs. Ħarisna lejn:

- attivitajiet relatati mal-kummerċ ħieles u attivitajiet esterni oħra tal-UE; u
- sħubijiet strateġiċi ma' pajjiżi mhux tal-UE.


## Id-distorsjonijiet kummerċjali jirrestrinġu l-aċċess għal materja prima kritika, filwaqt li l-effett tal-attivitajiet esterni tal-UE fuq il-provvista ma jistax jiġi ddeterminat

- 42** Id-domanda tal-UE għal materja prima kritika fil-biċċa l-kbira se tkompli tiġi ssodisfata mill-importazzjonijiet li jkunu għal żmien qasir, medju u twil. Il-ftehimiet ta' kummerċ ħieles u attivitajiet esterni oħra tal-UE, li jippermettu aċċess għal dawn il-materjali minn pajjiżi li għandhom abbondanza ta' riżorsi barra mit-territorju tal-UE, għalhekk huma kruċjali għall-provvista tal-UE. Il-pjan ta' azzjoni 2020 innota li jenħtieġ li l-UE ssaħħaħ l-għodod tal-politika kummerċjali u taħdem mas-sħab globali biex tara li żgur ma jkunx hemm distorsjonijiet fil-kummerċ.

## Id-distorsjonijiet kummerċjali u l-isfidi ġeopolitiċi jnaqqsu l-aċċess tal-UE għal materja prima kritika

- 43** L-isforzi tal-UE fir-rigward tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles u attivitajiet esterni oħra huma partikolarment rilevanti fil-kuntest fejn ix-xenarju tal-kummerċ globali li kulma jmur sar aktar diffiċli, u t-tensjonijiet ġeopolitiċi jolqtu l-aċċess tal-UE għal materja prima kritika. Il-kummerċ ħieles f'dawn il-materjali ġie mfixkel f'għadd ta' okkażjonijiet minn restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni (eż. projbizzjonijiet fuq l-esportazzjoni), u b'hekk qiegħed f'riskju s-sigurtà tal-provvista tal-UE. L-UE sfidat dawn ir-restrizzjonijiet fil-livell bilaterali, u ressqet ilmenti mal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), ara l-[Figura 9](#).

**Figura 9 | Ir-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjonijiet u r-rispons tal-UE**



Sors: il-QEA, abbażi ta' informazzjoni mid-WTO u mid-DG TRADE.

- 44** F'April 2025, iċ-Ċina poġġiet seba' elementi tal-materjali tal-art rari fuq [lista ta' kontroll tal-esportazzjoni](#), u b'hekk issottoporti għal liċenzji ta' esportazzjoni u naqqset l-esportazzjonijiet. Dawn il-materjali għandhom rwol ewlieni fil-manifattura ta' kalamiti permanenti (jiġifieri kalamiti li ma jserrġu fuq l-ebda kamp estern jew kurrent), li jintużaw fit-turbini eoliċi u f'ħafna setturi industrijali oħra. Mill-bidu, il-Kummissjoni kienet involuta f'kuntatt bilaterali mal-awtoritajiet Ċiniżi. F'Ġunju 2025, il-Kummissjoni ħolqot portal li jippermetti lill-industrija tal-manifattura tippreżenta informazzjoni dwar l-istatus tal-proċess ta' applikazzjoni għal-liċenzja tal-esportazzjoni. Jekk il-każijiet ikunu urġenti, il-Kummissjoni mbagħad tgħaddi din l-informazzjoni lill-awtoritajiet Ċiniżi biex tiġi trattata b'mod rapidu. Madankollu, il-[Kamra tal-Kummerċ tal-Unjoni Ewropea fiċ-Ċina](#) rrapportat li, abbażi tal-informazzjoni minn 22 kumpanija Ewropea bejn Awwissu u l-bidu ta' Settembru 2025, l-awtoritajiet Ċiniżi kienu approvaw biss 19 minn 141 applikazzjoni għal liċenzja, u 121 applikazzjoni "urġenti" għadhom pendenti. Sa Diċembru 2025, l-UE kienet għadha ma ressqitx ilment mad-WTO.
- 45** Il-kriżijiet ġeopolitiċi wkoll jistgħu jirrestrinġu l-provvista tal-UE. Pereżempju, id-*data* dwar il-kummerċ tal-Kummissjoni turi li l-importazzjonijiet ta' materja prima kritika rilevanti għat-teknoloġiji ta' enerġija rinnovabbli u miksuba mill-Ukrajna naqsu minn madwar 345 000 tonnellata fl-2021 għal madwar 60 000 tonnellata fl-2024. Dan b'riżultat tal-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja.

**L-UE żiedet l-attivitajiet esterni relatati mal-materja prima kritika, iżda l-effett ta' din iż-żieda fuq it-tiżni tal-provvista tal-UE mhuwiex ċar**

- 46** Matul dawn l-aħħar ftit snin, l-UE żiedet l-isforzi tagħha fin-negozjar ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles ma' għadd ta' pajjiżi mhux tal-UE li, fejn tidħol il-materja prima, għandhom riżervi jew kapaċitajiet sinifikanti ta' pproċessar. Ftehimiet reċenti bejn l-UE u pajjiżi bħaċ-Ċili, il-Messiku, New Zealand u r-Renju Unit fihom kapitoli speċifiċi dwar l-enerġija u l-materja prima kif ukoll dispożizzjonijiet rilevanti oħra. L-iskop ta' dawn il-kapitoli huwa li jagħmlu mod li jkun hemm kooperazzjoni u li joħolqu kundizzjonijiet ekwi għall-kummerċjanti u l-investituri, eż. billi jillimitaw il-kontroll inġust, min-naħa tal-monopolji, fuq l-esportazzjonijiet. Madankollu, bħalissa l-Kummissjoni ma tistax turi li dawn il-ftehimiet ta' kummerċ ħieles għenu biex tiżdied il-provvista ta' materja prima kritika lill-UE.

- 47** Minbarra dawn il-ftehimiet, il-Kummissjoni implimentat ukoll attivitajiet esterni oħra li kienu maħsuba biex jiffaċilitaw l-aċċess għal materja prima kritika minn pajjiżi li għandhom abbondanza ta' riżorsi. Hija inkludiet dan is-suġġett fil-pjanijiet indikattivi pluriennali nazzjonali ma' pajjiżi mhux tal-UE (eż. il-Brażil, l-Afrika t'Isfel) u pjanijiet reġjonali ma' pajjiżi oħra mill-Afrika, mill-Asja Ċentrali u mill-Amerika Latina. Dawn huma dokumenti ta' ppjanar mhux vinkolanti maħsuba biex jiggwidaw il-finanzjament mill-UE u l-kooperazzjoni tagħha ma' pajjiżi speċifiċi barra mill-UE. Attivitajiet oħra f'pajjiżi mhux tal-UE jinkludu ftehim wieħed għall-faċilitazzjoni tal-investment sostenibbli konkluż mal-Angola f'Marzu 2024 u negozjati (li bdew f'Marzu 2025) biex tiġi konkluż sħubija għal kummerċ u investment nadif mal-Afrika t'Isfel. Il-biċċa l-kbira minn dawn l-attivitajiet jinsabu jew fil-fażi tal-ippjanar jew fil-fażi bikrija, u sa issa ftit għandhom output speċifiku relatat mal-materja prima kritika.
- 48** FI-2023, l-UE u l-Istati Uniti impenjaw ruħhom ukoll għal ftehim futur bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar il-minerali kritiċi biex jappoġġaw il-ktajjen tal-provvista rilevanti. In-negozjati twaqqfu temporanjament f'Marzu 2024. Fis-6 ta' Diċembru 2024, l-UE laħqet [ftehim politiku](#) mal-Arġentina, il-Brażil, il-Paragwaj u l-Urugwaj, li għandhom abbondanza ta' CRMs, rigward il-ftehim ta' sħubija bejn l-UE u l-Mercosur. Dan jinkludi [miżuri](#) biex jitnaqqsu t-tariffi tal-UE kemm fuq il-materja prima kritika kif ukoll fuq il-prodotti magħmula minnha, kif ukoll miżuri biex tiġi pprovduta aktar prevedibbiltà għall-ktajjen tal-provvista. Madankollu, sa Novembru 2025, il-ftehim kien għadu ma daħalx fis-seħħ, billi kien għadu ma ġiex ratifikat mill-pajjiżi tal-Mercosur jew mill-Istati Membri tal-UE.


## Is-sħubijiet strateġiċi jtejbu l-kooperazzjoni, iżda ftit jikkontribwixxu biex ikun hemm provvista sigura tal-materjali

- 49** L-Att dwar il-Materja Prima Kritika tiddefinixxi "sħubija strateġika" bħala impenn bejn l-Unjoni u pajjiż terz biex tiżdied il-kooperazzjoni relatata mal-katina tal-valur tal-materja prima li hi stabbilita bi strument mhux vinkolanti li jstabilixxi azzjonijiet ta' interess reċiproku<sup>5</sup>. FI-2021, il-pjan ta' azzjoni 2020 kien diġà appella għal sħubijiet internazzjonali strateġiċi, ibda bil-Kanada, pajjiżi fl-Afrika li jkunu interessati, u l-[viċinat tal-UE](#).
- 50** Bejn Jannar 2021 u Ġunju 2025, l-UE kkonkludiet 14-il [sħubija strateġika](#) dwar il-materja prima (inklużi materjali kritiċi u strateġiċi) ma' pajjiżi mhux tal-UE (il-[Figura 10](#)), inklużi dawk fil-pjan ta' azzjoni (il-paragrafu [49](#)).

<sup>5</sup> L-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2024/1252.

## Figura 10 | Sħubijiet strateġiċi dwar il-materja prima bejn pajjiżi tal-UE u pajjiżi mhux tal-UE f'Ġunju 2025


Is-sena li fiha twaqqfet is-sħubija:



Sors: il-QEA, abbażi ta' data pprovduta mill-Kummissjoni.

- 51** Dawn is-sħubijiet huma maħsuba biex jiżviluppaw ktajjen tal-valur integrati aktar milli jiffukaw biss fuq l-estrazzjoni tal-materja prima. Mill-14-il sħubija, 7 jinsabu f'pajjiżi b'punteġġi ta' governanza baxxi, skont l-indikaturi ta' governanza dinjija tal-2023 tal-Bank Dinji (il-**Figura 11**). Is-sħubijiet jinkludu arranġamenti biex jiġu indirizzati ċerti sfidi ta' governanza li jolqtu kumpaniji li joperaw f'dawn il-pajjiżi. Madankollu, għad hemm riskji f'termini tal-istabbiltà tal-provvista lill-UE.

## Figura 11 | Nofs il-pajjiżi ta' sħubija għandhom punteġġi ta' governanza baxxi



*Nota:* L-analiżi mwettqa mill-QEA turi medja tad-dimensjonijiet ta' "l-vuċi u r-responsabbiltà", "l-stabbiltà politika u n-nuqqas ta' vjolenza/it-terroriżmu", "l-effettività tal-gvern", "l-istat tad-dritt" u "l-kontroll tal-korruzzjoni".

*Sors:* il-QEA, abbażi tal-indikaturi ta' governanza dinjija, 2023.

- 52** Abbażi tal-14-il sħubija strateġika, ġew stabbiliti 12-il pjan direzzjonali (il-*Kaxxa 1* tipprovdi eżempju) u 2 għadhom pendenti, minkejja l-impenn tal-ftehimiet ta' sħubija li dawn jikkonkluduhom fi żmien 6 xhur mill-iffirmar. Il-pjanijiet direzzjonali jinkludu azzjonijiet għall-implimentazzjoni tas-sħubija, bħal kooperazzjoni msaħħa fl-esplorazzjoni ġeoloġika, ir-riċerka u l-innovazzjoni tul il-katina tal-valur, il-ħiliet u t-taħriġ, u l-promozzjoni tal-aħjar prattiki.

## Kaxxa 1

### Sħubija strateġika bejn l-UE u l-Ukrajna dwar il-materja prima

Skont is-[Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Materja Prima](#), l-Ukrajna hija t-tielet produttur globali tal-gallju, ir-raba' produttur globali tal-metall tas-siliċju u l-ħames produttur globali tat-titanju. L-Ukrajna għandha wkoll [depożiti](#) kbar tal-litju u kwantitajiet sinifikanti ta' grafit, manjeżju u tantalju, li kollha jidhru fil-listi tal-materja prima kritika jew strateġika tal-UE u huma kruċjali għat-tranżizzjoni tal-enerġija.

Fl-2021, l-UE u l-Ukrajna ffirmaw *memorandum* ta' qbil biex jibdedu sħubija strateġika, bl-għan li jiddiversifikaw, isaħħu u jaraw li żgur ikun hemm provvista ta' materja prima kritika għaż-żewġ partijiet. Minn dak iż-żmien 'il hawn, ġew adottati żewġ pjanijiet direzzjonali (wieħed għall-perjodu 2021–2022 u l-ieħor għall-perjodu 2023–2024), li jinkludu azzjonijiet bħall-iżvilupp tal-Portal Ġeoloġiku Nazzjonali, inkluża d-diġitalizzazzjoni ta' rapporti ġeoloġiċi siewja, assistenza teknika biex titħejja l-leġiżlazzjoni meħtieġa u l-promozzjoni ta' opportunitajiet ta' investiment fis-settur Ukren tas-CRMs.

Minkejja l-gwerra mir-Russja kontra l-Ukrajna, iż-żewġ sħab komplew jimplimentaw is-sħubija strateġika. Huma ħejjew u qablu dwar il-lista ta' attivitajiet komuni għat-tielet pjan direzzjonali 2025–2026, li ġiet approvata permezz ta' skambju ta' ittri bejn l-UE u l-awtoritajiet Ukreni. Fl-istess ħin, l-UE għażlet il-[proġett ta' depożitu tal-grafit ta' Balakhivka](#) bħala proġett strateġiku fl-2025.

Sors: il-QEA, abbażi ta' informazzjoni mill-Kummissjoni u mis-servizzi ġeoloġiċi tal-UE.

- 53** L-analiżi li wettaqna tal-pjanijiet direzzjonali turi li sitta biss jinkludu dati ta' skadenza għall-implimentazzjoni. Filwaqt li l-Kummissjoni timmonitorja jekk l-azzjonijiet fil-pjanijiet direzzjonali humiex qed jitwettqu, hija ma tivvalutax l-effett tagħhom fuq il-provvista ta' materja prima kritika jew fuq il-ksib tal-mira tal-UE fir-rigward tal-materja prima strateġika. Barra minn hekk, l-azzjonijiet ftit jikkontribwixxu biex ikun hemm provvista sigura ta' materjali. Id-*data* dwar il-kummerċ disponibbli għall-materja prima rilevanti għat-tranżizzjoni tal-enerġija mill-14-il pajjiż kollha tas-sħubija strateġika turi li l-importazzjonijiet minn dawn il-pajjiżi fil-fatt naqsu bejn l-2020 u l-2024 għal 13-il materja prima eżaminata, filwaqt li għal 13-il materja prima oħra l-importazzjonijiet żdiedu u għal materja prima waħda baqgħu stabbli (il-[Figura 12](#)).

**Figura 12 | Evoluzzjoni tal-importazzjonijiet tal-materja prima minn pajjiżi ta' sħubija strateġika**

Materjali	importazzjonijiet fl-2020 (tunnellati)	importazzjonijiet fl-2024 (tunnellati)	Bidla (%)
Fluworit	26 932.6	5.3	-100 % ↓
Stronzju	0.2	0.0	-98 % ↓
Ċerju	4.8	0.1	-97 % ↓
Manjeżju	64.5	1.9	-97 % ↓
Barit	12 807.0	3 007.7	-77 % ↓
Rodju	0.009	0.003	-67 % ↓
Kobalt	16 172.3	5 572.5	-66 % ↓
Grafit	24 576.8	16 326.0	-34 % ↓
Litju	15 315.3	12 527.8	-18 % ↓
Metall tas-siliċju	189 247.2	167 008.2	-12 % ↓
Borat	2 795.3	2 652.4	-5 % ↓
Vanadju	100.5	95.6	-5 % ↓
Nikil	209 353.8	206 424.3	-1 % ↓
Iridju	0.001	0.001	0 % ↔
Ram	1 563 407.7	1 680 231.3	7 % →
Manganiż	563 543.3	609 375.8	8 % →
Ġermanju	1 057.9	1 390.0	31 % →
Nijobju	2 577.2	4 134.6	60 % →
Tungstenu	123.3	313.7	154 % →
Gallju	1.2	3.5	192 % →
Antimonju	15.4	52.0	237 % →
Platinu	0.1	0.5	529 % →
Palladju	0.1	0.8	715 % →
Aluminju	29 300.5	416 727.2	1 322 % ↑
Disprożju	0.03	33.8	124 941 % ↑
Blat Fosfatiku	6.1	7 743.4	127 321 % ↑
Fosforu	0.02	53 008.8	252 422 948 % ↑


*Nota:* fl-2020 ma ġiet irreġistrata l-ebda importazzjoni ta' arseniku, praseodimju, jew skandju minn pajjiżi sħab, u għalhekk ġew esklużi minn analiżi ulterjuri.

*Sors:* analiżi mwettqa mill-QEA, abbażi ta' data COMEXT.

## Ostakli finanzjarji, legali u amministrattivi jfixklu l-progress fil-produzzjoni domestika

**54** Il-produzzjoni tal-materja prima kritika tinkludi l-estrazzjoni u l-ipproċessar tal-materjali, billi l-biċċa l-kbira minnhom ma jistgħux jintużaw fil-forma naturali tagħhom.

L-UE tipproduċi biss ċerti minerali u metalli mhux maħduma, u l-volum huwa żgħir meta mqabbel mal-produzzjoni globali (il-[Figura 13](#)).

**Figura 13 | L-UE tipproduċi biss ċerti minerali u metalli mhux maħduma**


*Nota:* iċ-ċifra turi s-sehem tal-estrazzjoni u l-ipproċessar tas-CRMs mill-UE meta mqabbel mal-produzzjoni globali — il-medja tal-2016 sal-2020 (> 0 %).

*Sors:* analiżi mwettqa mill-QEA abbażi ta' data pprovduta mid-DĠ GROW, Jannar 2025.

- 55** Biex tittejjeb is-sitwazzjoni tal-produzzjoni tal-UE, l-Att dwar il-Materja Prima Kritika jistabbilixxi miri mhux vinkolanti għall-estrazzjoni u l-ipproċessar fil-livell domestiku. Sal-2030, mill-inqas 10 % (għall-estrazzjoni) u mill-inqas 40 % (għall-ipproċessar) tal-konsum tal-UE tal-materja prima strateġika jenħtieġ li jiġu minn sorsi domestiċi.

**56** Aħna vvalutajna jekk l-inizjattivi tal-UE kinux ippromwovew b'suċċess il-produzzjoni domestika ta' materja prima kritika fl-Ewropa. B'mod partikolari, ħarisna lejn jekk dawn indirizzawx b'mod effettiv l-ostakli ewlenin li huma rikonoxxuti b'mod wiesa' li jfixklu l-progress, jiġifieri:


- in-nuqqas ta' esplorazzjoni;
- in-nuqqas ta' teknoloġiji u faċilitajiet;
- in-nuqqas ta' finanzjament;
- proċeduri twal għall-ħruġ ta' permessi.

## **L-attivitajiet ta' esplorazzjoni mhumiex żviluppata biżżejjed u huma riskjużi**

**57** Fehim ċar tas-sitwazzjoni ġeoloġika huwa essenzjali biex jiġi ddeterminat jekk u fejn tista' tiġi estratta l-materja prima kritika. F'ħafna reġjuni tal-UE, l-"esplorazzjoni ġenerali" mhijiex żviluppata biżżejjed, u huma meħtieġa aktar sforzi biex jiġu vvalutati kif xieraq il-preżenza, il-kwalità u l-kwantità ta' depożiti potenzjali. Il-[valutazzjoni tal-impatt](#) tal-2023 li twettqet fl-ambitu tas-CRMA innotat li n-nuqqas ta' investment mill-Istati Membri fl-esplorazzjoni ġenerali matul l-aħħar deċennji (madwar 2 % sa 3 % tan-nefqa globali fuq l-esplorazzjoni) irriżulta f'nuqqas ta' għarfien dwar il-potenzjal reali tal-UE f'dak li jikkonċerna s-CRMs, ara l-[Figura 14](#).

**Figura 14 | Nefqa fuq l-esplorazzjoni globali għall-perjodu 2010–2022\***

Baġit għall-esplorazzjoni (biljun EUR)



\* Id-*data* tinkludi l-infiq għad-deheb, il-fidda, il-metalli bażiċi (ir-ram, in-nikel, iż-żingu u ċ-ċomb), il-kobalt, il-litju, il-molibdeno, il-metalli tal-grupp tal-platinu, id-djamanti, l-oktossidu tat-triuranju, il-materjali tal-art rari, il-putassa u l-fosfat.

Sors: il-QEA, abbażi ta' informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

**58** L-UE għamlet sforzi biex ittejjeb u tarmonizza d-*data* ġeoloġika pan-Ewropea. Pereżempju, [EuroGeoSurveys](#) — assoċjazzjoni kumplessiva ta' 37 organizzazzjoni Ewropea li jwettqu sħarriġ ġeoloġiku — taħdem fuq l-aċċess miftuħ pan-Ewropew għall-infrastruttura tad-*data*, id-*data* ġeoloġika u l-mapep. Il-[Geological Service for Europe](#), li huwa kkoordinat minn EuroGeoSurveys, huwa proġett li rċieva finanzjament ta' appoġġ mill-UE taħt Orizzont ta' kważi EUR 20 miljun.

**59** L-Att dwar il-Materja Prima Kritika kien jirrikjedi li l-Istati Membri jistabbilixxu programmi nazzjonali ta' esplorazzjoni sal-24 ta' Mejju 2025 u jikkomunikawhom lill-Kummissjoni. Dawn il-programmi huma maħsuba biex jgħinu lill-Istati Membri jidentifikaw depożiti ġodda ta' materja prima kritika, itejbu l-immappjar tagħhom u jikkonsolidaw id-*data* f'bażi ta' *data* kondiviża fil-livell tal-UE. Dan għandu l-potenzjal li jtejjeb l-esplorazzjoni ġeoloġika fl-UE kollha. Madankollu, 6 xhur wara d-*data* ta' skadenza, sitt Stati Membri kienu għadhom ma kkomunikawx il-programmi nazzjonali tagħhom lill-Kummissjoni.

**60** Ladarba jiġu identifikati riżorsi potenzjali, id-ditti speċjalizzati jwettqu “esplorazzjoni mmirata” biex jivvalutaw il-fattibilità tal-proġetti ta’ estrazzjoni. Din teħtieġ esperjenza preċedenti u tinvolvi kostijiet għoljin u riskji għoljin billi, mill-impriżi ta’ esplorazzjoni mmirati, frazzjoni biss iwasslu għal proġetti ta’ estrazzjoni li jirnexxu<sup>6</sup>. Ta’ spiss huwa ssuġġerit li dan il-proporzjon huwa ta’ bejn wieħed u ieħor **1 għal 1 000**.

## L-ipproċessar huwa milqut minn nuqqas ta’ teknoloġija u minn għadd dejjem jiċkien ta’ faċilitajiet fl-UE

**61** It-trasformazzjoni ta’ materja prima minn minerali li jinsabu fil-blat, minerali, prodott mill-pjanti jew skart teħtieġ teknoloġiji u ħiliet speċjalizzati. Pereżempju, l-ipproċessar ta’ elementi tal-materjali tal-art rari huwa waħda mill-aktar sfidi kumplessi fil-metallurġija moderna u, matul l-aħħar ftit deċennji, iċ-Ċina saret **mexxejja tat-teknoloġija** f’dan is-settur<sup>7</sup>. Bħalissa, 100 % tal-ipproċessar ta’ elementi tal-materjali tal-art rari jsir barra mill-UE (il-**Figura 7**), l-aktar fiċ-Ċina.

**62** L-Att dwar il-Materja Prima Kritika jinkludi ambizzjoni kbira li sal-2030 fl-UE tiġi pproċessata 40 % tal-materja prima strateġika. Jidher li l-UE għadha ’l bogħod milli tilħaq dan il-livell (il-**Figura 5**) u l-biċċa l-kbira mill-materja prima kritika tiġi pproċessata barra mill-UE. Fil-fatt, bħalissa, il-kapaċità tal-ipproċessar tal-UE qed tintefa”. Mhuwiex ċert jekk hijiex se tkun tista’ tirkupra, kif ġie nnutat fil-**valutazzjoni tal-impatt** tas-CRMA 2023. L-analiżi li wettaqna tad-*data* dinjija dwar l-estrazzjoni turi, pereżempju, li l-EU-27 tilfet madwar nofs il-kapaċità tal-ipproċessar tal-aluminju primarju tagħha fil-perjodu 2019–2023.

**63** Il-kostijiet għoljin tal-enerġija huma fost id-**determinanti prinċipali** li jolqtu l-kompetittività għal operazzjonijiet intensivi fl-enerġija<sup>8</sup> bħat-**tidwib u l-ipproċessar**. Pereżempju, il-kostijiet tal-elettriku huma, bħala medja, **ogħla fl-UE** milli f’reġjuni oħra tad-dinja.

<sup>6</sup> Commission impact assessment for the CRMA Regulation, SWD(2023) 161 final, il-Kaxxa tat-test 4: L-istadji tal-katina tal-valur tal-materja prima kritika.

<sup>7</sup> Ismail, N.A., Said, S.N.A. Patent landscape analysis of rare-earth extraction: innovations, challenges, and geopolitical implications. *Chemical Monthly* 156, pp. 811–835 (2025).

<sup>8</sup> Draghi, M. (2024). *The Future of European Competitiveness – Part B, In-depth analysis and recommendations*, p. 92.

**64** Fir-rebbiegħa tal-2025, il-Kummissjoni ħarġet [pjan ta' azzjoni Ewropew għall-azzar u l-metalli](#), il-Patt għal [Industrija Nadifa](#) u l-pjan ta' azzjoni għal [enerġija affordabbli](#). Dawn l-inizjattivi ħabbru firxa ta' miżuri biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-UE f'firxa wiesgħa ta' setturi (inklużi s-CRMs), u indirizzaw ukoll il-kostijiet għoljin tal-enerġija. Għadu kmieni wisq biex jiġi vvalutat kif jew sa liema punt dawn l-inizjattivi se jgħinu biex tittejjeb is-sitwazzjoni għall-ipproċessar tal-materja prima kritika fl-UE.

## Il-finanzjament tal-esplorazzjoni, l-estrazzjoni u l-ipproċessar ta' materja prima kritika fl-UE għadu fil-bidu

- 65** Fl-UE, ftit hemm investiment f'attivitajiet ta' esplorazzjoni fi stadju bikri (il-paragrafu [60](#)). Il-pjan ta' azzjoni 2020 diġà enfasizza li n-nuqqas ta' inċentivi u finanzjament għall-esplorazzjoni kien ostaklu kbir biex jingħata bidu għal proġetti l-ġodda relatati mal-materja prima kritika. Il-[valutazzjoni tal-impatt](#) tas-CRMA 2023 sabet li l-biċċa l-kbira mill-kumpaniji tal-esplorazzjoni fl-Ewropa mhumiex ibbażati fl-UE, u l-biċċa l-kbira mill-istituzzjonijiet finanzjarji jevitaw li jiffinanzjaw proġetti ta' esplorazzjoni, minħabba r-riskji għoljin involuti (il-paragrafu [60](#)).
- 66** Il-finanzjament tal-proġetti ta' estrazzjoni u tal-proġetti integrati (kemm tal-estrazzjoni kif ukoll tal-ipproċessar) ukoll tqiesu bħala riskju għoli mis-settur tal-finanzjament. Il-partijiet ikkonċernati identifikaw għadd ta' fatturi li jolqtu l-bankabbiltà: l-eteroġeneità tal-materja prima kritika, it-tħassib ambjentali u soċjali, il-prezzijiet tal-enerġija, il-volatilità tal-prezzijiet, u l-iskedi ta' żmien twal tal-proġetti. Barra minn hekk, biex jiġu ffinanzjati l-proġetti tal-ipproċessar, tkun meħtieġa provvista stabbli u sigura ta' materja prima kritika. Bħalissa, dan mhuwiex il-każ għal għadd minnhom<sup>9</sup>. Hemm riskju, għalhekk, li l-isforzi tal-UE jinqabdu f'ċirku vizzjuż billi nuqqas ta' provvista jfixkel l-iżvilupp ta' proġetti ta' ipproċessar, li mbagħad inaqqas l-impetu biex żgur ikun hemm provvista.
- 67** L-investiment huwa essenzjali għall-finanzjament ta' attivitajiet relatati mal-materja prima kritika. Dan l-aħħar, il-banek pubbliċi Ewropej bħall-BEI u l-BERŻ żiedu l-appoġġ tagħhom għall-investimenti fl-esplorazzjoni, l-estrazzjoni u l-ipproċessar tal-materja prima kritika. Bħala parti mill-proġett [JUMP](#), li huwa kofinanzjat mill-UE, il-BERŻ u l-UE nedew [faċilità konġunta](#) ta' EUR 50 miljun biex jipprovdu investimenti fl-ekwità għall-esplorazzjoni. Bl-inizjattiva strateġika l-ġdida tal-Grupp tal-BEI dwar is-CRMs immedija f'Marzu 2025, il-BEI għandu l-għan — b'baġit annwali ta' EUR 2 biljun — li jiffinanzja proġetti tul il-katina tal-valur tal-materja prima kritika kollha u li jikkontribwixxi għall-oġġettivi tas-CRMA.

<sup>9</sup> Commission impact assessment for the CRMA Regulation, COM(2023) 160 final, pp. 184–185.

- 68** Biex tiffaċilita l-investiment fil-materja prima kritika, il-Kummissjoni [impenjat ruħha](#) li tiżviluppa kriterji ta' finanzjament sostenibbli għas-setturi tal-estrazzjoni minerarja, tal-estrazzjoni u tal-ipproċessar permezz ta' atti delegati dwar it-tassonomija sa tmiem l-2021. 4 snin wara, dan għadu ma sarx. F'April 2025, il-Kummissjoni rċeviet [proposta](#) mill-grupp ta' ħidma rilevanti biex taġġorna t-tassonomija tal-UE ħalli tinkludi l-estrazzjoni u r-raffinar ta' xi materja prima kritika: il-litju, in-nikil u r-ram. Min-naħa l-oħra, skont il-BEI, kriterji ta' finanzjament sostenibbli li jkunu restrittivi ħafna jista' jkollhom impatt negattiv fuq l-eliġibbiltà tal-proġetti relatati mas-CRMs u jfixklu l-finanzjament ta' proġetti ta' dan it-tip.
- 69** Minbarra dawn l-isforzi biex jiġi ingranat l-investiment privat, dan l-aħħar bdew ukoll diversi inizjattivi nazzjonali biex jintuża l-finanzjament pubbliku ħalli jiġu appoġġati l-esplorazzjoni, l-estrazzjoni u l-ipproċessar, ara l-[Kaxxa 2](#).

## Kaxxa 2

### Sforzi nazzjonali biex jiġu appoġġati attivitajiet relatati ma' materja prima kritika

Fl-2024, il-bank promozzjonali tal-Istat Ġermaniż KfW stabbilixxa [fond għall-materja prima kritika ta' EUR 1 000 000 000](#) f'isem il-gvern biex jappoġġa l-provvista sostenibbli ta' materja prima kritika lill-ekonomija Ġermaniża. Kull proġett kellu jirċievi bejn [EUR 50 miljun](#) u [EUR 150 miljun](#). Ir-rieżami ta' diliġenza dovuta tal-ewwel proġetti beda f'Lulju 2025.


Stati Membri oħra, bħal [Franza](#) u [l-Italja](#) wkoll ippjanaw jew diġà bdew jistabbilixxu fondi nazzjonali għall-materja prima.

Sors: il-QEA.

## Meta l-permessi jdumu biex jinħarġu u l-proċess ikun wieħed kumpless, jinħoloq ostaklu għall-estrazzjoni fl-UE

- 70** Diġà fl-2008, l-[inizjattiva tal-materja prima](#) nnutat li kien diffiċli ħafna li proġetti ġodda relatati mal-materja prima kritika jitmexxew malajr għall-istadju operazzjonali, prinċipalment minħabba t-tul tal-proċeduri nazzjonali għall-ħruġ ta' permessi. Aktar reċentement, il-[valutazzjoni tal-impatt](#) tas-CRMA 2023 ikkonkludiet li l-proċeduri għall-ħruġ ta' permessi kienu imprevedibbli u frammentati. Iż-żmien meħtieġ biex jinkiseb permess għall-estrazzjoni kien varja bejn 3 xhur u 3 snin. Xi outliers fil-Finlandja u fil-Portugall instabu li jdumu sa 4 snin. Id-dewmien ikkawżat minn appelli kontra permessi li jkunu nħarġu wkoll ġie identifikat bħala ostaklu sinifikanti.
- 71** L-istħarriġ tagħna juri li kważi nofs l-Istati Membri identifikaw kunsiderazzjonijiet ambjentali u soċjali (bħat-tniġġis u l-effett "xejn minn dan f'dari") bħala l-ostaklu primarju għaż-żieda fl-estrazzjoni domestika. Sitt Stati Membri indikaw li l-ostakli jirriżultaw kemm minn kapaċitajiet amministrattivi insuffiċjenti fis-settur pubbliku (pereżempju biex jingħataw liċenzji għall-estrazzjoni u l-isfruttament) kif ukoll mill-protezzjoni tan-natura — b'mod partikolari fil-kuntest tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u d-Direttiva Natura 2000.
- 72** Fl-2011, il-Kummissjoni ħarġet [gwida](#) dwar l-estrazzjoni ta' minerali mhux għall-enerġija u Natura 2000 biex ittaffi s-sitwazzjoni, u kkomplementatha bi [studji tal-każijiet](#) fl-2019. Gwida speċifika ta' dan it-tip mill-Kummissjoni ma teżistix b'rabta mad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma.
- 73** Il-[valutazzjoni tal-impatt](#) tas-CRMA ammettiet li kemm id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma kif ukoll id-Direttiva Natura 2000 estendew id-durata tal-biċċa l-kbira mill-proġetti tal-estrazzjoni relatati mal-materja prima, b'mod partikolari peress li l-leġiżlazzjoni ġeneralment tirrikjedi valutazzjoni tal-impatt ambjentali qabel ma jkunu jistgħu jinħarġu l-permessi għall-proġetti, (il-[Figura 15](#)). Id-durata medja ta' din il-valutazzjoni (għall-proġetti kollha fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha, inklużi l-proġetti CRM) kienet ta' sena, iżda b'firxa li tkopri bejn 5 xhur sa 27 xahar.


## Figura 15 | Biex jinħareġ permess hija meħtieġa valutazzjoni tal-impatt ambjentali



Sors: il-QEA.

- 74** Studju tal-2023 sab li mill-iskoperta sal-produzzjoni, iż-żmien medju meħtieġ għall-eżekuzzjoni għal minjiera kien ta' 15.7-il sena (għal 127 minjiera vvalutati fid-dinja kollha matul is-snin mill-2002 sal-2023). Spanja kienet l-uniku pajjiż tal-UE kopert fl-istudju, b' medja ta' 15-il sena. B' mod ġenerali, huwa **stmat** li l-medda ta' żmien biex proġett ta' estrazzjoni jsir operattiv fl-UE tipikament hija ta' bejn **10 snin u 15-il sena**, iżda tista' tkun sa **20 sena**. L-eżempju fil-**Figura 16** juri l-proċess kumpless għall-ftuħ ta' minjiera fl-livveġja, mill-esplorazzjoni sal-istadju tal-produzzjoni, u dan juri li dan il-proċess jista' jjeħu saħansitra aktar żmien.

**Figura 16 | Jistgħu jgħaddu aktar minn 30 sena biex tinfetaħ minjiera fl-lżvezja**



Sors: il-QEA, abbażi ta' informazzjoni minn SVEMIN, 2025.

- 75** Biex jiġi ssimplifikat il-proċess, l-Att dwar il-Materja Prima Kritika kien jirrikjedi li l-Istati Membri jstabbilixxu punti uniċi ta' servizz nazzjonali (punti uniċi ta' kuntatt) sa Frar 2025. Il-punti uniċi ta' servizz kellhom ikunu responsabbli kemm għall-applikazzjonijiet kif ukoll għall-permessi għal proġetti tal-estrazzjoni. Madankollu, min-Novembru 2025, [16 biss mis-27 Stat Membru](#) kienu ħolqu dawn il-punti uniċi ta' servizz.

## Il-potenzjal tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi mhuwiex qed jiġi sfruttat bis-sħiħ

- 76** L-użu sostenibbli tar-riżorsi għandu rwol ewlieni fit-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-materja prima kritika primarja, kif ukoll fl-indirizzar tal-ostakli persistenti għall-kompetittività tal-industrija tar-riċiklaġġ tal-UE.

**77** Ivalutajna jekk:

- il-politika tal-UE tkoprix l-aspetti kollha tal-ġestjoni tar-riżorsi ta' CRMs;
- il-miri tar-riċiklaġġ tal-UE jinċentivawx ir-riċiklaġġ tas-CRMs;
- l-inizjattivi tal-UE jindirizzawx b'mod effettiv l-ostakli fis-suq għall-kompetittività tar-riċiklaġġ tas-CRMs.

**Is-sostituzzjoni tal-materja prima kritika mhijiex koperta biżżejjed mil-leġiżlazzjoni tal-UE, u l-pjanijiet nazzjonali għaċ-ċirkolarità x'aktarx li jiddewmu**

- 78** Il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tista' tnaqqas id-domanda tal-industrija Ewropea tal-manifattura għal materja prima kritika billi tottimizza kif tintuża matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħha. Il-**Figura 17** turi l-aspetti ewlenin ta' dan il-kunċett, inklużi l-effiċjenza fir-riżorsi, is-sostituzzjoni u ċ-ċirkolarità.

**Figura 17 | Aspetti ewlenin tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi**



Sors: il-QEA.

- 79** Wieħed mill-objettivi ewlenin tal-Att dwar il-Materja Prima Kritika huwa li jtejjeb iċ-ċirkolarità tas-CRMs u jikkomplementa l-leġiżlazzjoni eżistenti dwar it-trattament tal-materja prima, bħad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart, id-Direttiva dwar l-Iskart ta' Tagħmir Elettriku u Elettroniku, ir-Regolament dwar Vjeġġi ta' Skart u r-Regolament tal-UE dwar il-Batteriji.

- 80** Bl-introduzzjoni, fl-Att, ta' mira ta' riċiklaġġ mhux vinkolanti ta' 25 % u sensiela ta' miżuri biex jittejbu l-prattiki ta' riċiklaġġ, is-sostituzzjoni u l-effiċjenza fir-riżorsi, il-Kummissjoni stabbiliet qafas biex tkopri l-aspetti differenti tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi. Il-miżura ewlenija tirrikjedi li l-Istati Membri joħolqu pjanijiet nazzjonali għaċ-ċirkolarità. Id-data ta' skadenza ta' sentejn għal dawn il-pjanijiet tidħol fis-seħħ ladarba l-Kummissjoni tkun adottat atti ta' implimentazzjoni, li huma maħsuba biex jispeċifikaw lista ta' prodotti, komponenti u flussi tal-iskart b'potenzjal sinifikanti għall-irkupru tal-materja prima kritika. Dawn l-atti oriġinarjament kellhom jiġu adottati sal-24 ta' Mejju 2025. Madankollu, minħabba dewmien, dawn l-atti kienu għadhom ma ġewx adottati sa Novembru 2025, u potenzjalment jipposponu t-tnejn u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet.
- 81** Filwaqt li l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti, flimkien mas-CRMA, għandu l-għan li jstabilizza l-katina tal-provvista tal-enerġija rinnovabbli billi jsaħħaħ il-manifattura tal-UE (l-*Annex I*), dan ma jindirizzax is-sostituzzjoni tal-materja prima kritika. Din l-ommissjoni hija notevoli minħabba li tolqot is-segment tal-katina tal-provvista fejn is-sostituzzjoni tal-materja prima kritika hija l-aktar meħtieġa, u fejn l-industrija tal-manifattura qed tesplora s-soluzzjonijiet (il-*Kaxxa 3*).

### Kaxxa 3

#### Eżempji ta' sostituzzjoni ta' materja prima kritika

L-industrija tal-UE qed tesplora opzjonijiet ta' sostituzzjoni fil-livell tal-materja prima kritika. Pereżempju, il-boksajt użat fil-pannelli solari jista' jiġi sostitwit b'materja prima mhux kritika bħall-azzar, il-fibra tal-karbonju u l-polimeri. Jekk is-sostituzzjoni fil-livell tal-materja prima kritika ma tkunx teknikament jew ekonomikament fattibbli, tista' wkoll tinbidel it-teknoloġija nnifisha: pereżempju, it-turbini eoliċi jistgħu, minflok jużaw ġeneraturi tal-kalamiti permanenti, jaqilbu għal disinji li jużaw inqas kalamiti jew l-ebda kalamita.

Sors: Taylor, N., Kuzov, T., Chatzipanagi, A., Carrara, S., Jakimow, M. *et al.*, [Deep dive on critical raw materials for solar photovoltaics in the EU](#), 2025; Edoardo Righetti, Vasileios Rizos, [CEPS in-depth analysis: Reducing supply risks for critical raw materials](#), 2024.

## Ma teżisti l-ebda mira tal-UE biex tinċentiva r-riċiklaġġ tal-materja prima kritika kollha

**82** Il-miri tar-riċiklaġġ għall-materja prima kritika huma inklużi f'għadd ta' atti leġislattivi differenti tal-UE (il-[Figura 18](#)).


**Figura 18 | It-taħlita ta' miri tal-UE għar-riċiklaġġ, l-irkupru u l-ġbir tal-iskart**

Regolament/politika (data ta' skadenza)	Materjal/ skart	Miri speċifiċi għall-materjali		Mira ġenerali tal-SRM	Miri ġenerali għar-riċiklaġġ u l-ġbir tal-iskart		
<b>CRMA</b> (2030)	Materja prima strateġika			✓			
<b>Regolament dwar il-Batteriji</b> (2026, 2028, 2031, 2032)	Kobalt, litju, nikel, ram (mira ta' rkupru biss)	✓	✓				
	Batteriji tal-joni tal-litju batteriji tan-nikel u tal-kadmju					✓	
<b>Direttiva dwar l-iskart ta' Tagħmir Elettriku u Elettroniku</b> (Minn Awwissu 2018 'il quddiem – kull sena)	Apparati domestiċi, tal-IT u tat- telekomunikazzjoni, pannelli fotovoltajċi					✓	✓
<b>Direttiva Qafas dwar l-iskart</b> (2025, 2030, 2035)	Skart municijali						✓
		Rkupru ta' materjali	Kontenut riċiklat f' batteriji għodda	Konsum ibbażat fuq ir-riċiklaġġ	Effiċjenza tar-riċiklaġġ	Ġbir tal-iskart	Thejjiċja għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ

Sors: il-QEA, abbażi tal-leġislazzjoni tal-UE.

**83** L-Att dwar il-Materja Prima Kritika stabbilixxa mira mhux vinkolanti li mill-inqas 25 % tal-konsum tal-UE ta' materja prima strateġika għandu jiġi minn sorsi riċiklati sal-2030. L-aktar *data* reċenti disponibbli turi li r-rata medja tal-input tar-riċiklaġġ fi tmiem iċ-ċiklu tal-ħajja għal ħafna materja prima kritika għadha taħt dak il-livell. Minn 26 materjal meħtieġa għat-tranżizzjoni tal-enerġija (il-[Figura 3](#)), 7 għandhom rata ta' riċiklaġġ ta' bejn 1 % u 5 %, u 10 (inklużi l-litju, il-gallju u l-metall tas-siliċju) ma jiġu riċiklati xejn (il-[Figura 19](#)).


**Figura 19 | L-UE: rati baxxi ta' riċiklaġġ għall-materja prima kritika u strateġika**



Sors: il-QEA, abbażi ta' studju tad-DĠ GROW tal-2023 dwar il-materja prima kritika għall-UE (l-Anness 11).

- 84** Ir-Regolament dwar il-Batteriji introduċa miri vinkolanti u speċifiċi għall-materjali għar-riċiklaġġ ta' ċerta materja prima kritika (pereżempju l-kobalt, ir-ram, il-litju, in-nikil). Huwa stabbilixxa wkoll miri għall-kontenut riċiklat għal tipi differenti ta' batteriji li fihom dawn il-materjali. Dawn il-miri jridu jintlaħqu bejn l-2026 u l-2032. Ir-rapport speċjali tagħna dwar il-politika industrijali tal-UE dwar il-batteriji nnota li sorsi sekondarji ta' materja prima għall-batteriji, b' mod partikolari r-riċiklaġġ tal-batteriji li jkunu jinsabu fi tmiem iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, għadhom limitati.
- 85** F'rapport analitiku preċedenti dwar l-azzjonijiet meħuda mill-UE u l-isfidi eżistenti, aħna osservajna li l-iskart elettroniku fih kwantitajiet kbar ta' materja prima kritika. Għalkemm dan l-iskart qed jiġi prodott aktar minn qatt qabel, ir-rati ta' ġbir għadhom ferm taħt il-miri stabbiliti mid-Direttiva dwar l-iskart ta' Tagħmir Elettriku u Elettroniku (il-Figura 20). B'riżultat ta' dan, il-materja prima kritika fi skart ta' dan it-tip tintilef għall-ekonomija tal-UE. Biex tiżdied ir-rata ta' ġbir, il-Kummissjoni għamlet rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri. Fl-2024, fetthet ukoll proċeduri ta' ksur kontra 24 Stat Membru talli naqsu milli jilħqu l-miri tal-ġbir u tar-riċiklaġġ skont id-direttiva.

**Figura 20 | L-UE qed tonqos milli tilħaq il-miri tal-ġbir**



Sors: il-QEA, abbażi tar-rapport tal-forum dwar id-WEEE — il-Figura 3.3, 2025.

**86** Il-miri tal-UE msemmija hawn fuq (il-paragrafi 82–85) ma jipromwovux b’mod effettiv ir-riċiklaġġ ta’ materja prima kritika speċifika.

- In-nuqqas ta’ miri vinkolanti għal kull materja prima kritika jfisser li d-domanda għal materja prima sekondarja (irkuprata mill-prodotti tal-iskart) għadha inċerta, u l-adozzjoni mis-suq hija fil-biċċa l-kbira volontarja.
- Il-mira fl-Att dwar il-Materja Prima Kritika u l-biċċa l-kbira mill-miri l-oħra tar-riċiklaġġ huma primarjament ibbażati fuq l-input, b’enfasi fuq l-ammont ġenerali ta’ skart miġbur jew ipproċessat għar-riċiklaġġ, mingħajr ma ssir distinzjoni bejn materjali speċifiċi, bħall-metalli b’bażi komuni u kwantitajiet żgħar ta’ materja prima kritika individwali. Konsegwentement, ma hemm l-ebda incientiv għar-riċiklaturi biex jirkupraw materja prima kritika speċifika, speċjalment dik li hija aktar diffiċli biex tiġi estratta. Pereżempju, elementi tal-materjali tal-art rari f’muturi ta’ trażmissjoni elettrika jew palladju fl-elettronika inkorporata ġeneralment ma jiġux irkuprati wara t-tqattigħ<sup>10</sup>.
- Il-qafas attwali tad-Direttiva dwar l-Iskart ta’ Tagħmir Elettriku u Elettroniku ma jagħmilx mod li l-materja prima kritika preżenti fit-tagħmir elettroniku żgur tinġabar u tiġi rriċiklata għall-benefiċċju tal-ekonomija tal-UE.

## L-ostakli fis-suq għar-riċiklaġġ tal-materja prima kritika u l-ostakli regolatorji jxekklu l-kompetittività tal-industrija

**87** Filwaqt li s-sistemi ta’ riċiklaġġ għall-materja prima kritika jaħdmu tajjeb għall-materjali użati f’volumi kbar bħall-aluminju u r-ram, dawn għadhom sottożviluppati għal dawk użati fi kwantitajiet żgħar jew li huma inkorporati fi prodotti kumplessi. Dan minħabba li r-riċiklaġġ spiss ma jkunx ekonomikament ġustifikabbli.

**88** Skont l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija, in-nuqqas ta’ ekonomiji ta’ skala huwa ostaklu għar-riċiklaġġ effiċjenti, u l-kundizzjonijiet tas-suq globali jagħmluha diffiċli għar-riċiklaturi Ewropej biex jikkompetu mar-riċiklaturi Ċiniżi fuq il-kostijiet. Dan minħabba l-integrazzjoni vertikali taċ-Ċina, il-vantaġġi ta’ skala u l-kostijiet lavorattivi baxxi. Id-diskussjonijiet li kellna mal-partijiet ikkonċernati u l-analiżi dokumentarja tagħna jissuġġerixxu li l-kostijiet għoljin tal-ipproċessar, in-nuqqas ta’ disponibbiltà ta’ materja prima kritika, u l-ostakli teknoloġiċi huma l-elementi prinċipali li jfixklu l-kompetittività tal-industrija tar-riċiklaġġ tal-UE, kif muri fil-[Figura 21](#).

<sup>10</sup> Innovative requirements could boost circular economy of plastics and critical raw materials in vehicles — il-Kummissjoni Ewropea.

## Figura 21 | Ostakli fis-suq li jfixklu l-kompetittività tar-riċiklaġġ tal-materja prima kritika



### Rati ta' ġbir baxxi

- Il-flussi ta' skart b'abbundanza ta' CRM ma tantx ġew separati u miġbura tajjeb, speċjalment fejn jidħlu l-apparati elettroniċi u l-batteriji. Dan minħabba infrastruttura lokali limitata
- L-iskart li jkun fih is-CRMs jiġi esportat, u b'hekk titnaqqas il-kapaċità tal-UE li tirkupra u tirriċikla, domestikament, materjali kritiċi



### Sfidi tekniċi

- Is-CRMs spiss ikunu preżenti fi kwantitajiet żgħar ħafna jew inkorporati fi prodotti kumplessi. Minħabba dan, l-estrazzjoni hija diffiċli u ineffiċjenti
- Nuqqas ta' teknoloġiji ta' riċiklaġġ skalabbli u kosteffettivi



### Kostijiet għoljin ta' produzzjoni u kompetizzjoni ekonomika għolja

- Il-kostijiet għoljin tal-ipproċessar (l-enerġija, il-manodopera) inaqqsu l-vijabbiltà finanzjarja tar-riċiklaġġ tas-CRM
- Kostijiet aktar baxxi u inqas regolamenti jagħtu vantaġġ kompetittiv lill-kumpaniji ta' pajjiżi mhux tal-UE
- Is-separazzjoni u l-purifikazzjoni li jqumu ħafna flus jaqtgħu qalb l-investituri; materja prima primarja spiss tiswa inqas minn CRMs riċiklati

Sors: il-QEA.

**89** Barra minn hekk, ir-Regolament rivedut dwar Vjeggji ta' Skart ma neħħiex l-ostakli għall-importazzjoni ta' skart elettroniku fl-UE. Studju<sup>11</sup> tal-2024 jinnota wkoll li r-regolament jagħmilha diffiċli biex l-iskart jaqsam il-fruntieri fl-UE, bir-riżultat li madwar **90 % tal-iskart** jiġi ttrattat fil-pajjiż fejn ikun ġie ġġenerat. Ir-rappreżentanti tal-industrija qalulna li l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar l-iskart tvarja minn Stat Membru għal ieħor. Ostakli ta' dan it-tip huma problematiċi għall-faċilitajiet ta' riċiklaġġ li jkunu jeħtieġu ekonomiji ta' skala akbar biex jiġġeneraw kwantitajiet suffiċjenti ta' materjali rkuprati ħalli jkunu profittabbli<sup>12</sup>.

<sup>11</sup> Grabbe, H. u Léry Moffat, L. (2024) 'A European circular single market for economic security and competitiveness', Policy Brief 20/2024, Bruegel, p. 14.

<sup>12</sup> Lander *et al.* (2023), iScience 24, Financial viability of electric vehicle lithium-ion battery recycling.

**90** Il-Kummissjoni diġà introduċiet miżuri biex tindirizza l-isfidi li tħabbat wiċċha magħhom l-industrija tar-riċiklaġġ, bħall-kriterji għat-tmiem tal-istatus ta' skart fl-UE kollha għall-aluminju u r-ram. L-Att dwar il-Materja Prima Kritika jintroduċi miżuri nazzjonali dwar iċ-ċirkolarità biex jixpruna l-innovazzjoni. Dawn il-miżuri huma mistennija li jippermettu fruġ aktar rapidu ta' permessi u jiffaċilitaw l-aċċess għall-finanzjament għal proġetti strateġiċi ta' riċiklaġġ. Barra minn hekk, l-Att jimponi l-obbligu li jkun hemm tikkettar għall-materja prima kritika fuq prodotti bħat-turbini eoliċi. Dan biex jiġi ffaċilitat ir-riċiklaġġ. Bl-istess mod, ir-[Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli 2024](#) ifisser li, biex jittejjbu ż-żarmar, il-possibbiltà ta' tiswija u r-riċiklaġġ, iridu jiġu inklużi dettalji dwar il-kompożizzjoni tal-materjali. Se jirregola wkoll ħafna prodotti relatati mal-enerġija, bħall-pannelli solari, u se jppromwovi ċ-ċirkolarità mill-fażi tad-disinn 'il quddiem. Madankollu, l-ostakli fis-suq għadhom jippersistu u jillimitaw il-vijabbiltà kummerċjali tal-operazzjonijiet tar-riċiklaġġ li jiffukaw fuq il-materja prima kritika.

## **It-tikketta tal-proġetti strateġiċi tal-UE tista' ġġib magħha l-benefiċċji, iżda ħafna proġetti se jbatu biex joħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa biex żgur ikun hemm provvista għall-UE sal-2030**

**91** L-Att dwar il-Materja Prima Kritika fih strument ta' proġett strateġiku biex tingħata spinta lill-kapaċità tal-UE li tislet, tipproċessa u tirriċikla materja prima strateġika u tiddiversifika l-importazzjonijiet. Biex jikkwalifikaw bħala strateġiċi, il-proġetti jridu jallinjaw mal-informazzjoni tal-Kummissjoni għall-applikanti<sup>13</sup> u l-esperti<sup>14</sup> billi jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-provvista tal-UE sal-2030, jagħtu prova tal-fattibbiltà teknika, jaraw li jkun hemm sostenibbiltà u responsabbiltà soċjali, jipprovdu benefiċċji transfruntiera, u jiġġeneraw effetti kollaterali fil-katina tal-valur.

---

<sup>13</sup> DG GROW: Strategic projects under the Critical Raw Materials Act, Gwida għall-Applikanti, Verżjoni 1.0, it-23 ta' Mejju 2024.


<sup>14</sup> DG GROW: sejħa għall-applikazzjonijiet għal Proġetti Strateġiċi skont l-Att dwar il-Materja Prima Kritika. Valutazzjoni tal-applikazzjonijiet — briefing tal-esperti, l-10 ta' Ottubru 2024.

- 92** Il-Kummissjoni nediet l-ewwel sejħa għal proġetti f’Mejju 2024. Minn 170 applikazzjoni mressqa, 77 iffokaw fuq l-estrazzjoni, 58 fuq l-ipproċessar, 30 fuq ir-riċiklaġġ u 5 fuq is-sostituzzjoni. Il-Kummissjoni għażlet 61 proġett ibbażat fl-UE (miġbura f’47 proġett integrat), u 14-il proġett mhux tal-UE (miġbura fi 13-il proġett integrat). Fl-2025, il-Kummissjoni nediet sejħa waħda f’Settembru, minkejja l-fatt li l-Att jeħtieġ li jinfetħu mill-inqas erba’ sejħiet kull sena, u li jibdeu fl-2025.
- 93** Aħna vvalutajna l-benefiċċji li joħorġu mid-deżinjazzjoni tal-proġetti bħala strateġiċi, u jekk dawn il-proġetti għandhomx il-potenzjal li jtejbu s-sigurtà tal-provvista tas-CRMs għall-UE.

## It-tikketta ta’ proġett strateġiku tista’ ġġib il-benefiċċji, iżda għad hemm sfidi fil-ħruġ ta’ permessi u fil-finanzjament

- 94** Id-deżinjazzjoni ta’ proġett bħala strateġiku skont l-Att dwar il-Materja Prima Kritika hija mistennija li tkun ta’ benefiċċju għall-implimentazzjoni tiegħu (il-Figura 22).

**Figura 22 | Benefiċċji mistennija tat-tikketta ta’ “proġett strateġiku”**



Sors: il-QEA, abbażi tas-CRMA.

- 95** L-istħarriġ tagħna juri li l-biċċa l-kbira mill-Istati Membri jqisu li l-proġetti strateġiċi għandhom il-potenzjal li jżidu b'mod sinifikanti l-estrazzjoni, l-ipproċessar u r-riċiklaġġ fil-livell domestiku tal-materja prima. Madankolli, il-proġetti strateġiċi jiffukaw fuq il-materja prima strateġika, u mhux fuq il-materja prima kritika kollha. Dan ifisser li, pereżempju, proġetti li jinvolvu n-nijobju jew il-vanadju, li huma vitali biex jixprunaw teknoloġiji ta' enerġija nadifa, ma jistgħux jiġu rikonoxxuti bħala strateġiċi.
- 96** L-Att jaċċellera l-ħruġ ta' permessi għal proġetti strateġiċi approvati, iżda mhux għal proġetti li jkunu ġew irrifjutati, jew proġetti ffukati fuq materjali kritiċi oħra. Filwaqt li l-ħruġ simplifikat ta' permessi jiffaċilita implimentazzjoni aktar rapida, l-iskedi ta' żmien finali jiddependu fuq l-appelli, li mhumiex inklużi fil-perjodi limitati għall-ħruġ ta' permessi. Analizzajna l-valutazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni ta' 19-il applikazzjoni għal proġetti strateġiċi magħżula u sibna li minkejja l-ħruġ aċċellerat ta' permessi previst, hija xorta waħda indikat il-ħruġ ta' permessi bħala wieħed mir-riskji ewlenin f'9 minnhom ([l-Anness VII](#)). Barra minn hekk, billi l-pajjiżi mhux tal-UE mhumiex marbuta bir-regoli tal-Att, il-ħruġ aktar rapidu ta' permessi għall-proġetti f'dawk il-pajjiżi mhuwiex aċċertat.
- 97** L-applikazzjonijiet tal-Att [dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti](#) jibbenefikaw minn rikonoxximent simplifikat jekk ikunu diġà ffinanzjati permezz ta' mezzi oħra tal-UE bħall-Fond għall-Innovazzjoni, jew jekk jiġu ddeżinjati bħala proġetti Ewropej sinifikanti. Dan mhuwiex il-każ għall-applikazzjonijiet għal proġetti strateġiċi skont l-Att dwar il-Materja Prima Kritika. Barra minn hekk, l-Att ma jipprevedi l-ebda finanzjament mill-UE għal proġetti strateġiċi. F'Lulju 2025, il-Kummissjoni pproponiet regolament biex jiġi stabbilit fond Ewropew għall-kompetittività li jkun jinkludi opportunitajiet ta' finanzjament speċifikament għal proġetti strateġiċi.
- 98** L-istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi reċentement saru aktar attivi f'dan il-qasam. Laqgħat [tas-sottogrupp tal-Bord tas-CRM](#) dwar il-koordinazzjoni tal-finanzjament għal proġetti strateġiċi saru fl-2024 u l-2025, u l-BEI u l-BERŻ kienu osservaturi. 60 % tal-proġetti strateġiċi magħżula kienu qed japplikaw għal finanzjament u assistenza konsultattiva mill-BEI.
- 99** Il-vijabbiltà finanzjarja mhijiex kundizzjoni biex proġett jintgħażel bħala proġett strateġiku skont is-CRMA<sup>15</sup>. L-analiżi li wettaqna ta' 19-il applikazzjoni għal proġetti strateġiċi turi każ wieħed fejn il-promotur tal-proġett iddikjara stat ta' falliment wara li l-proġett kien ġie inkluż fil-lista ta' proġetti strateġiċi. Identifikajna proġett ieħor li kellu valutazzjoni pożittiva dwar l-evalwazzjoni, iżda ma ntgħażilx billi l-promotur tiegħu falla qabel ma l-Kummissjoni ppubblikat il-lista tagħha ta' proġetti strateġiċi.


---

<sup>15</sup> L-Artikolu 6 tas-CRMA.

## **Ħafna proġetti strateġiċi se jbatu biex joħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa biex żgur ikun hemm provvista għall-UE sal-2030**

- 100** L-Att dwar il-Materja Prima Kritika enfasizza l-fatt li l-applikazzjonijiet għal proġetti jenħtieġ li jinkludu evidenza li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għas-sigurtà tal-provvista tal-UE u l-miri tal-2030. Aħna sibna li d-deċiżjoni li jintgħażlu proġetti ta' "stadju bikri tal-iżvilupp" mingħajr il-ħtieġa ta' ftehimiet ta' xiri jaf tillimita l-kontribut reali tagħhom biex jintlaħqu l-miri tal-2030.
- 101** Id-deċiżjoni finali tal-Kummissjoni dwar jekk proġett għandux jintgħażel bħala strateġiku kienet ibbażata fuq valutazzjoni esperta. L-analiżi li wettaqna tal-valutazzjoni tal-esperti ta' 19-il applikazzjoni għal proġetti li rnexxew uriet li, f'10 każijiet, il-kapaċità tal-produzzjoni sħiħa stmata (ibbażata fuq l-awtodikjarazzjonijiet tal-applikant) kienet ippjanata għall-2026 sal-2029, fi 3 każijiet kienet ippjanata għall-2030, u f'6 każijiet kienet ippjanata għal wara l-2030 — f'każ wieħed saħansitra kienet ippjanata għall-2039 (l-[Anness VII](#)).
- 102** Madankollu, fl-2025 meta l-proġetti ntgħażlu mill-Kummissjoni, il-biċċa l-kbira minnhom fil-fatt kienu biss fi stadju bikri ta' żvilupp, u dan jagħmilha improbabbli ħafna li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-miri tal-2030. Min-naħa l-oħra, identifikajna tliet proġetti maturi li għandhom ċans kbir li jikkontribwixxu għall-miri tal-2030 u li x'aktarx jipproċedu, irrispettivament minn kwalunkwe approvazzjoni tal-UE, bħala proġett strateġiku, minħabba li kienu diġà fl-istadju tal-kostruzzjoni (il-[Figura 23](#)). Hekk kif qed noqorbu lejn l-2030, il-kontribut għall-miri se jsir dejjem aktar diffiċli għal proġetti futuri (il-paragrafu [92](#)).

**Figura 23 | Il-biċċa l-kbira mill-proġetti strateġiċi għadhom fl-istadji bikrija tal-iżvilupp**




Sors: il-QEA, abbażi tal-awtodikjarazzjonijiet tal-applikanti.

**103** L-analiżi li wettaqna indikat li fil-kampjun tagħna ta' 19-il applikazzjoni għal proġetti, għal 12 minnhom ftehimiet ta' xiri kienu jew inkisbu jew, f'xi każijiet, ma kinux meħtieġa peress li l-offtakers prinċipali kienu l-istess kumpaniji (jew kumpaniji relatati). Fis-seba' każijiet li jifdal, inklużi erba' każijiet bi proġetti ta' pajjiżi mhux tal-UE, dan ma kienx il-każ. L-esperti tal-evalwazzjoni wisew li għal dawk l-erba' proġetti mhux tal-UE, in-nuqqas ta' ftehim ma' oftaker Ewropew kien riskju serju f'termini tal-kontribut għas-sigurtà tal-provvista għall-UE. Madankollu, l-esperti taw valutazzjoni pożittiva minkejja t-twissija.

**104** L-Att dwar il-Materja Prima Kritika jenfasizza l-importanza li jitqiesu l-pajjiżi mhux tal-UE, li għandhom mekkaniżmi ta' kooperazzjoni mal-UE bħal sħubijiet strateġiċi, biex jittaffew ir-riskji marbuta mal-provvista. Filwaqt li l-eżistenza ta' sħubija ta' dan it-tip kellha rwol fil-proċess tal-għażla, ma stajniex nistabbilixxu rabta ċara bejn dawn is-sħubijiet u d-19-il proġett strateġiku li l-Kummissjoni ddeċidiet li tappoġġa. Din ir-rabta bejn iż-żewġ elementi kienet tkun meħtieġa biex tgħin ittaffi r-riskji marbuta mal-provvista. Il-Kummissjoni tappoġġa proġetti strateġiċi mhux tal-UE f'7 biss mill-14-il pajjiż tas-sħubija. Sitta minn dawn il-pajjiżi għandhom pjan direzzjonali dwar il-materja prima mal-Kummissjoni, iżda aħna ma stajniex nidentifikaw rabta ċara bejn il-proġett strateġiku appoġġat f'dawn il-pajjiżi u l-pjanijiet direzzjonali. Il-Kummissjoni ddeċidiet ukoll li tappoġġa proġetti strateġiċi f'ħames pajjiżi mhux tal-UE, li mhumiex koperti minn sħubija strateġika (il-**Figura 24**), filwaqt li fi tliet pajjiżi sħab, ma ġie propost l-ebda proġett ta' dan it-tip.

**Figura 24 | Proġetti strateġiċi mhux tal-UE — pajjiżi koperti**



Sors: il-QEA, abbażi ta' analiżi proprja.

---

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla I, immexxija mis-Sa Joëlle Elvinger, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-10 ta' Diċembru 2025.

*Għall-Qorti Ewropea tal-Awdituri*

A handwritten signature in blue ink, appearing to read 'Tony Murphy'.

*Tony Murphy II-President*


# Annessi

## Anness I – Dwar l-adwitu

### L-importanza tal-materja prima kritika għat-tranżizzjoni tal-enerġija tal-UE

- 01** Fid-dawl tal-impenn tal-UE li tnaqqas l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra b'mill-inqas 55 % sal-2030 u tikseb emissjonijiet żero netti sal-2050, ir-rwol tas-CRMs huwa kruċjali biex tirnexxi d-dekarbonizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija. Peress li aktar minn 75 % tal-emissjonijiet tal-UE jirriżultaw mill-produzzjoni u l-użu tal-enerġija, huwa kruċjali li ssir tranżizzjoni komprensiva lejn sorsi tal-enerġija rinnovabbli. Il-materja prima kritika hija materja prima li l-Kummissjoni tqis kruċjali għall-ekonomija tal-UE, u li tinvolvi riskju għoli marbut mal-provvista. Bl-użu ppjanat fl-UE kollha ta' teknoloġiji ta' enerġija rinnovabbli, il-kwantitajiet meħtieġa ta' dawn il-materjali huma mistennija li jiżdiedu b'mod sostanzjali (il-**Figura 1**). Id-domanda annwali tal-UE għal elementi tal-materjali tal-art rari użati fil-magni tat-turbini eoliċi **jaf tiżdied b'sitt darbiet** sal-2030. Għalhekk sar essenzjali li dawn ikunu disponibbli żgur. Id-domanda għas-CRMs tista' tiġi ssodisfata permezz ta' importazzjonijiet diversifikati, tiftix domestiku ta' sorsi ta' provvista u ġestjoni aktar sostenibbli tar-riżorsi.

**Figura 1 | Id-domanda pproġettata tal-UE għal materja prima kritika**



Sors: il-QEA, abbażi ta' analiżi mwettqa mill-JRC, Supply chain analysis and material demand forecast in strategic technologies and sectors in the EU — A foresight study, 2023.

- 02** L-iżviluppi matul dawn l-aħħar żewġ deċennji enfasizzaw il-vulnerabbiltà strateġika tal-UE għat-tfixkil fil-provvista ta' materja prima kritika. Fl-2010, meta ċ-Ċina forniet aktar minn 90 % tal-elementi tal-materjali tal-art rari tad-dinja, hija imponiet restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni<sup>1</sup> li rriżultaw f'żidiet severi fil-prezzijiet globali u f'nuqqasijiet fil-provvista<sup>2</sup>.
- 03** Dan espona d-dipendenza qawwija tal-UE fuq fornitur estern uniku għall-materjali li huma essenzjali għat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa. Fl-istess ħin, l-aċċellerazzjoni tad-domanda globali xprunata mit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, l-instabbiltà politika f'diversi pajjiżi li għandhom abbondanza ta' riżorsi, u n-natura kkonċentrata tal-ktajjen tal-provvista komplew iżidu r-riskju ta' interruzzjonijiet fil-provvista<sup>3</sup>.

## Il-qafas politiku tal-UE

- 04** Bi tweġiba għat-tħassib dejjem jikber dwar id-dipendenza tal-UE fuq pajjiżi mhux tal-UE għas-CRMs, il-Kummissjoni Ewropea ħadet azzjoni biex tara li żgur ikun hemm provvista sigura tagħhom għal żmien twil. Riskji għoljin marbuta mal-provvista relatati mal-materja prima kienu diġà ġew koperti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-1975, [The Community's Supplies Of Raw Materials](#), segwita mill-inizjattiva tal-UE dwar il-materja prima fl-2008, li introduċiet 10 attivitajiet ta' mitigazzjoni, inkluża waħda biex tiġi ddefinita l-materja prima kritika. L-ewwel lista ta' dan it-tip ġiet ippubblikata fl-2011 u warajha ġew ħames listi oħra. Il-[Figura 2](#) turi l-inizjattivi prinċipali tal-UE b'rabta mas-CRMs.


---

<sup>1</sup> WTO dispute settlement; The disputes; DS395.

<sup>2</sup> Rohstoffinformationen 61 (2025). Seltene Erden, Projekte-Förderung-Weiterverarbeitung.

<sup>3</sup> Global Material Resources Outlook to 2060; OECD.

**Figura 2 | Inizjattivi prinċipali relatati mal-materja prima kritika**



Sors: il-QEA.

- 05** L-inizjattivi ewlenin għall-materja prima kritika — essenzjali kemm għat-tranżizzjoni tal-enerġija tal-UE kif ukoll għaż-żamma tal-kompetittività teknoloġika u industrijali — bdew fl-2020. F'Settembru 2020, il-Kummissjoni adottat il-pjan ta' azzjoni dwar is-CRMs, dokument ta' politika li ppropona 10 azzjonijiet biex jiġu indirizzati r-riskji marbuta mal-provvista. Dan stabbilixxa t-triq għal approċċ aktar koordinat tal-UE u qiegħed enfasi ġdida fuq it-tiftix domestiku ta' sorsi ta' provvista, l-effiċjenza fir-riżorsi u s-šhubijiet strateġiċi ma' pajjiżi mhux tal-UE.
- 06** L-iskop tal-Att dwar il-Materja Prima Kritika huwa li joħloq ktajjen tal-provvista siguri u reżiljenti filwaqt li jara li żgur ikun hemm protezzjoni soċjali u ambjentali, jiddiversifika l-importazzjonijiet tal-materja prima, u jtejjeb is-sostenibbiltà u ċ-ċirkolarità tas-CRMs fis-suq tal-UE. Karatteristika ewlenija tal-Att hija r-rikonoxximent u l-appoġġ ta' "proġetti strateġiċi" tul il-katina tal-valur tal-materja prima strategjika, li jintgħażlu mill-Kummissjoni.

- 07** Permezz tal-Att, ġie introdott subsett ġdid ta' CRMs — il-materja prima strateġika (SRMs). Dan il-kunċett il-ġdid jirreferi għall-materja prima li hija l-aktar kruċjali għat-teknoloġiji strateġiċi użati għal applikazzjonijiet fil-qasam ekoloġiku, diġitali, tad-difiża u dak tal-ajruspazju. L-Att introduċa wkoll miri kwantifikabbli mhux vinkolanti għall-SRMs biex tissaħħaħ l-awtonomija tal-UE fil-provvista tal-materja prima, bil-ħsieb li sal-2030:
- mill-inqas 10 % tal-konsum annwali tal-UE ta' materja prima strateġika żgur jiġi estratt domestikament;
  - mill-inqas 40 % tal-SRMs żgur jiġu pproċessati fl-UE;
  - mill-inqas 25 % tal-SRMs żgur jiġu minn materjali riċiklati; u
  - żgur mhux aktar minn 65 % tal-konsum annwali tal-UE ta' kwalunkwe SRM jiġi minn pajjiż wieħed mhux tal-UE.
- 08** Filwaqt li s-CRMA jsaħħaħ il-provvista ta' CRMs, l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti tal-2024 jiffoka fuq iż-żieda fil-kapaċità tal-manifattura tal-UE għal teknoloġiji nodfa. Flimkien, dawn l-atti huma maħsuba biex jipprovdu approċċ komprensiv biex żgur ikun hemm sostenibbiltà fil-katina tal-provvista għas-settur tal-enerġija rinnovabbli fl-2030 u lil hinn.

## Rwoli u responsabbiltajiet

- 09** Il-Kummissjoni tipproponi leġiżlazzjoni tal-UE relatata mas-CRMs lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Hija taġġorna l-lista tal-UE u timplimenta l-pjan ta' azzjoni dwar is-CRMs flimkien mal-Istati Membri. Il-Kummissjoni tissorvelja wkoll il-programmi ta' finanzjament rilevanti u tipprovdi finanzjament (mal-Istati Membri). Is-CRMA jirrikjedi li l-Kummissjoni timmonitorja r-riskji marbuta mal-provvista relatati mas-CRMs, li twissi lill-partijiet ikkonċernati f'każ ta' riskju li titħarbat il-provvista, u li tivvaluta u tapprova l-applikazzjonijiet għal proġetti strateġiċi.
- 10** L-implimentazzjoni tal-politika dwar il-materja prima kritika tinvolvi bosta korpi fl-Istati Membri u fil-Kummissjoni. Id-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs (id-DĠ GROW) huwa l-korp inkarigat mill-politika kumplessiva. DĠ oħra huma involuti f'aspetti speċifiċi (DĠ ENER, ENV, INTPA, TRADE, JRC) jew fil-ġestjoni tal-finanzjament (DĠ ECFIN, NEAR, REGIO, RTD u SĠ REFORM).

## Ambitu u approċċ tal-awditjar

- 11** L-għan tal-awditu tagħna kien li nivvalutaw jekk l-azzjonijiet fil-livell tal-UE joħolqux il-kundizzjonijiet meħtieġa biex żgur ikun hemm provvista sigura għal żmien twil ta' CRMs għat-tranżizzjoni tal-enerġija tal-UE. Aħna ffukajna fuq ir-rwol tal-Kummissjoni. L-awditu tagħna kopra finanzjament relatat mas-CRMs fil-perjodi ta' programmazzjoni 2014–2020 u 2021–2027.
- 12** Eżaminajna x-xogħol tal-Kummissjoni sa Ottubru 2025. L-analiżi li wettaqna kkonċentrat fuq tliet elementi ewlenin essenzjali biex jintlaħqu l-oġettivi tas-CRMA: li jiġu ddiversifikati l-importazzjonijiet biex jitnaqqsu d-dipendenzi, li tissaħħaħ il-produzzjoni domestika, u li żgur isir użu sostenibbli tar-riżorsi. Aħna eżaminajna kif it-tipi prinċipali ta' mekkaniżmi ta' kooperazzjoni tal-UE ma' pajjiżi mhux tal-UE (eż. sħubijiet strateġiċi) wasslu għal importazzjonijiet aktar diversifikati ta' CRMs. Ivvalutajna wkoll l-isforzi tal-UE biex tiżviluppa l-estrazzjoni u l-ipproċessar ta' materja prima kritika fl-Ewropa, bil-għan li titnaqqas id-dipendenza fuq fornituri esterni. Barra minn hekk, analizzajna l-inizjattivi biex intejbu ċ-ċirkolarità, l-effiċjenza fir-riżorsi u s-sostituzzjoni. Tajna wkoll ħarsa aktar mill-qrib lejn kif ġew stabbiliti l-listi u l-miri tal-UE fir-rigward tal-materja prima, u jekk il-Kummissjoni tistax turi l-effetti tal-finanzjament mill-UE fuq il-provvista tal-materja prima kritika. Fl-aħħar nett, ivvalutajna jekk il-proġetti strateġiċi tal-UE għandhomx il-potenzjal li jżidu s-sigurtà tal-provvista ta' materjali kritiċi fl-UE. Dan billi analizzajna kampjun ta' 19-il proġett magħżula mill-Kummissjoni.
- 13** Ikkonsultajna wkoll ħafna partijiet ikkonċernati, inklużi organizzazzjonijiet internazzjonali (eż. l-AIE), NGOs, rappreżentanti tal-industrija, istituti ta' riċerka u l-awtoritajiet f'żewġ Stati Membri. Il-**Figura 3** turi kif ksibna l-evidenza għall-osservazzjonijiet tagħna.

**Figura 3 | Xogħol tal-awditjar imwettaq**

<b>Irrieżaminajna</b>	<ul style="list-style-type: none"> <li>Ix-xogħol tal-Kummissjoni u d-dokumentazzjoni interna mid-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni (DĠ ENER, DĠ ENV, DĠ GROW, DĠ INTPA, JRC, DĠ TRADE) u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent</li> <li>Analiżi dokumentarja ta' studji u rapporti oħra fil-qasam tas-CRMs</li> </ul>
<b>Analizzajna</b>	<ul style="list-style-type: none"> <li>Data ewlenija</li> <li>Il-valutazzjoni, mill-Kummissjoni, tal-applikazzjonijiet għal proġetti strateġiċi. Il-kampjun ta' 19-il proġett magħżul ittiegħed biex ikopri tipi differenti ta' proġetti (estrazzjoni, ipproċessar, riċiklaġġ, u sostituzzjoni), u inkluda kemm proġetti bbażati fl-UE kif ukoll proġetti ta' pajjiżi terzi</li> <li>Ix-xogħol li l-Kummissjoni wettqet fuq sħubijiet strateġiċi relatati mas-CRMs u ftehimiet kummerċjali rilevanti ma' pajjiżi terzi</li> </ul>
<b>Intervistajna</b>	<ul style="list-style-type: none"> <li>Lil Direttorati Ġenerali differenti tal-Kummissjoni (DĠ ENER, DĠ ENV, DĠ GROW, DĠ INTPA, JRC, DĠ TRADE) u lill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent</li> <li>Lil rappreżentanti minn kampjun ta' żewġ Stati Membri (il-Ġermanja u l-Iżvezja), magħżula minħabba l-esperjenza tagħhom fil-ġestjoni tas-CRMs u l-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli</li> </ul>
<b>Ikkonsultajna</b>	<ul style="list-style-type: none"> <li>Lil-BEI, l-AIE, l-IRENA u l-OECD</li> <li>Lil xjenzati, rappreżentanti tal-industrija u NGOs f'laqgħa ta' konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati</li> </ul>
<b>L-istħarriġ tagħna kopra</b>	<ul style="list-style-type: none"> <li>L-Istati Membri kollha</li> </ul>

Sors: il-QEA.

## Anness II – L-għadd ta' materjali skrinjati żdied mill-2011 'il hawn

<b>Materjali individwali</b>		
Aggregati	Elju	Renju
Aluminju/boksajt	Idroġenu	Skandju
Antimonju	Indju	Selenju
Arseniku	Mineral tal-ħadid	Kubrit
Barit	Kripton	Putassa
Bentonit	Ċomb	Ramel tas-siliċe
Berillju	Ġebbla tal-ġir	Metall tas-siliċju
Bismut	Deheb	Fidda
Boron	Ġypsum	Stronzju
Kadmju	Litju	Terra
Kromu	Manjeżit	Tantalju
Tafal tal-kawlina	Manjeżju	Tellurju
Kobalt	Manganiż	Landa
Faħam tal-kokk	Molibdenu	Titanju
Ram	Grafrit naturali	Tungstenu
Diatomit	Neon	Vanadju
Feldspar	Nikil	Ksenon
Fluworit	Nijobju	Żingu
Gallju	Perlit	Żirkonju
Ġermanju	Fosforu	Metall tat-titanju
Afnju	Blat fosfatiku	
<b>Metalli tal-grupp tal-platinu (PGMs)</b>		
Iridju	Platinu	Rutenju
Palladju	Rodju	
<b>Elementi tal-materjali tal-art rari (REEs)</b>		
LREEs	HREEs	
Ċerju	Disprożju	Lutezju
Lantanju	Erbju	Terbju
Neodimju	Ewropju	Tulju
Praseodimju	Gadolinju	Itterbju
Samarju	Olmju	Ittriju
<b>Materjali bijotiċi</b>		
Gomma naturali	Sufra naturali	Injam tond
Injam ta' Sapele	Injam tat-tik naturali	

Materjali li ġew koperti fil-valutazzjoni tal-2014, iżda mhux f'dik tal-2011

Materjali li ġew koperti fil-valutazzjoni tal-2017, iżda mhux f'dik tal-2014

Materjali li ġew koperti fil-valutazzjoni tal-2020, iżda mhux f'dik tal-2017

Materjali li ġew koperti fil-valutazzjoni tal-2023, iżda mhux f'dik tal-2020

Sors: il-QEA, abbażi ta' studju tad-DĠ GROW tal-2023 dwar il-materja prima kritika għall-UE (I-Anness 11).

## Anness III – Id-*data* dwar ir-riċiklaġġ — skaduta u fiha l-lakuni

Għall-valutazzjoni tal-kritikalità ntużaw bosta sorsi ta' *data* dwar ir-riċiklaġġ. Il-kwalità tad-*data* tjiebet, b'mod partikolari minħabba l-[Analiżijiet tas-Sistemi tal-Materjali mwettqa mill-Kummissjoni](#). Madankollu, għal 15 minn 45 materja prima ntużat biss *data* globali. Għal 11-il materjal, is-sena ta' referenza għad-determinazzjoni tal-valur tmur lura qabel l-2020.

Materjali	Valur	Ambitu	Pubblikazzjoni	Snin ta' referenza	Sors
Aluminju	32 %	Globali	2018	2018	Istitut Internazzjonali tal-Aluminju
Antimonju	28 %	UE	2023	2016 - 2020	Kummissjoni
Arseniku	0 %	UE	2013		Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent
Barit	0 %	EU-27	2021	2012 - 2016	Kummissjoni
Borat	1 %	EU-27	2023	2016 - 2020	Kummissjoni
Ċerju	1 %	Globali	2023	2016 - 2020	Kummissjoni
Kobalt	22 %	EU-28	2020	2012 - 2016	Kummissjoni
Ram	55 %	EU-27	2023		Assoċjazzjoni Internazzjonali tar-Ram
Disprożju	0 %	EU-28	2023	2016 - 2020	Kummissjoni
Erbju	1 %	Globali	2023	2016 - 2020	Kummissjoni
Ewropju	1 %	EU-28	2023	2016 - 2020	Kummissjoni
Fluworit	1 %	EU-27	2023	2016 - 2020	Kummissjoni
Gadolinju	1 %	Globali	2023	2016 - 2020	Kummissjoni
Gallju	0 %	UE	2023	2016 - 2020	Kummissjoni
Ġermanju	2 %	EU-28	2023	2016 - 2020	Kummissjoni
Olmju	1 %	Globali	2023	2016 - 2020	Kummissjoni
Iridju	2 %	Globali	2023	2016 - 2020	Kummissjoni
Lantanju	1 %	Globali	2023	2016 - 2020	Kummissjoni
Litju	0 %	EU-28	2023	2016 - 2020	Kummissjoni
Lutezju	1 %	Globali	2023	2016 - 2020	Kummissjoni
Manjeżju	13 %	EU-27	2023	2016 - 2020	Kummissjoni
Manganiż	9 %	EU-27	2020	2012 - 2016	Kummissjoni
Grafit naturali	3 %	EU-27	2020	2012 - 2016	Kummissjoni
Neodimju	1 %	EU-28	2023	2016 - 2020	Kummissjoni
Nikil	16 %	EU-27	2020	2012 - 2016	Kummissjoni
Nijobju	0 %	Globali	2023	2016 - 2020	Kummissjoni
Palladju	10 %	EU-27	2023	2016 - 2020	Kummissjoni
Fosforu	0 %	UE	2021	2012 - 2018	Kummissjoni
Platinu	11 %	EU-27	2023	2016 - 2020	Kummissjoni
Praseodimju	10 %	Globali	2023	2016 - 2020	Kummissjoni
Rodju	24 %	EU-27	2023	2016 - 2020	Kummissjoni
Rutenju	2 %	Globali	2022	2022	Valutazzjoni esperta
Samarju	1 %	Globali	2023	2016 - 2020	Kummissjoni
Skandju	0 %	EU-28	2021	2012 - 2016	Kummissjoni
Metall tas-siliċju	0 %	EU-27	2023	2016 - 2020	Kummissjoni
Stronzju	0 %	Globali	2022	2022	United States Geological Survey
Tantalju	13 %	EU-27	2021	2012 - 2016	Kummissjoni
Terbju	6 %	EU-28	2023	2016 - 2020	Kummissjoni
Tulju	1 %	Globali	2023	2016 - 2020	Kummissjoni
Vanadjju	1 %	EU-27	2021	2012 - 2016	Kummissjoni
Itterbju	1 %	Globali	2023	2016 - 2020	Kummissjoni
Ittriju	31 %	EU-28	2023	2016 - 2020	Kummissjoni
Tungstenu	42 %	EU-28	2023	2016 - 2020	Kummissjoni
Bismut	0 %	EU-27	2021	2012 - 2018	Kummissjoni
Titanju	1 %	EU-27	2023	2016 - 2020	Kummissjoni

## Anness IV – Kopertura u granularità limitati fid-data dwar il-kummerċ

Id-*data* dwar il-kummerċ disponibbli tindika li l-kodiċijiet kummerċjali attwali mhux dejjem jippermettu li ssir distinzjoni bejn materja prima individwali u bejn l-istadji tal-produzzjoni tagħhom, pereżempju, għal elementi tal-materjali tal-art rari (LREE u HREE). Id-*data* dwar il-kummerċ tista' tinkludi wkoll CRMs kemm minn sorsi primarji kif ukoll minn sorsi sekondarji, pereżempju metalli tal-grupp tal-platinu. Għal xi CRMs, jew l-istadju tal-estrazzjoni jew l-istadju tal-ipproċessar mhuwiex kopert

CRM	Għadd ta' kodiċijiet kummerċjali			
	Estrazzjoni	Ipproċessar		
Manjeżju	0	2	Għal erba' CRMs: jew l-istadju tal-estrazzjoni jew l-istadju tal-ipproċessar mhuwiex kopert	
Metall tas-siliċju	0	2		
Skandju	0	2		
Nijobju	(1)	1	Tliet kodiċijiet kummerċjali ma jistgħux jintużaw għall-valutazzjoni tal-Kummissjoni minħabba l-livell għoli ta' aggregazzjoni tagħhom	
Stronzju	1	0		
Faħam tal-kokk	1	1		
Litju	1	2		
Antimonju	1	2		
Berillju	1	2		
Titanju	1	2		
Ram	1	4		
Aluminju	1	5		
Tungstenu	1	5		
Borat	1	9		
Kobalt	2	3		Fi tliet kodiċijiet kummerċjali użati għall-valutazzjoni tal-Kummissjoni, CRMs differenti huma miġbura flimkien
Manganiż	2	3		
Grafit	2	4		
Blat fosfatiku/fosforu	2	7		
Nikil	2	7		
HREE*	3	2		
LREE*	3	4		
Barit	2	mhux ipproċessat		
Feldspar	2	mhux ipproċessat		
Fluworit	2	jaqa' barra mill-ambitu		
Tantalju	prodott sekondarju	1	Għal 27 CRM, l-istadju tal-estrazzjoni u l-istadju tal-ipproċessar (fejn ikun rilevanti) huma koperti b'mill-inqas kodiċi kummerċjali wieħed	
Gallju	prodott sekondarju	1		
Arseniku	prodott sekondarju	2		
Afnju	prodott sekondarju	2		
Vanadju	prodott sekondarju	3		
Bismut	prodott sekondarju	4		
Ġermanju	prodott sekondarju	2+(2)		
Metalli tal-grupp tal-platinu	prodott sekondarju	7		


Sors: analiżi mwettqa mill-QEA abbażi ta' *data* pprovduta mill-Kummissjoni.

## Anness V – Tqabbil tal-listi tal-materja prima kritika u tal-materja prima strateġika

CRMs	Lista tal-UE	Lista tal-Awstralja	Lista tal-Istati Uniti	Lista tal-Indja	Lista tal-Ġappun	Lista tal-Korea t'Isfel	Lista tar-Renju Unit
Antimonju	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva
Arseniku	Iva	Iva	Iva	Le	Le	Le	Le
Barit/barju	Iva	Le	Iva	Le	Iva	Le	Le
Boksajt/aluminju	Iva	Iva	Iva	Le	Le	Iva	Le
Boron	Iva	Le	Le	Le	Iva	Le	Le
Kobalt	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva
Ram	Iva	Iva	Le	Iva	Le	Iva	Le
Fluworu, fluworit	Iva	Iva	Iva	Le	Iva	Le	Le
Gallju	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva
Ġermanju	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	Le	Le
Grafit, grafit naturali	Iva	Iva	Iva	Iva	Le	Iva	Iva
Litju	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva
Manjeżju	Iva	Iva	Iva	Le	Iva	Iva	Iva
Manganiż	Iva	Iva	Iva	Le	Iva	Iva	Le
Nikil	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	Le
Nijobju	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva
Fosforu	Iva	Iva	Le	Iva	Le	Le	Le
Metalli tal-grupp tal-platinu	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva
Elementi tal-materjali tal-art rari (LREEs u HREEs)	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva
Skandju	Iva	Iva	Iva	Iva	Le	Le	Le
Siliċju	Iva	Iva	Le	Iva	Iva	Iva	Iva
Stronzju	Iva	Le	Le	Iva	Iva	Iva	Le
Tantalju	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva
Tungstenu	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva
Vanadju	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva
Indju	Le	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva
Tellurju	Le	Iva	Iva	Iva	Iva	Le	Iva

Sors: il-QEA, abbażi ta' informazzjoni mid-Dipartiment Awstraljan tal-Industrija, ix-Xjenza u r-Riżorsi (2024).

## Anness VI – Rekwiżiti għall-monitoraġġ skont is-CRMA



Sors: il-QEA, abbażi tas-CRMA.

## Anness VII – Analiżi tal-kampjun tad-19-il proġett magħżula

Tip ta' proġett	Stadju tal-proġett	Data stmata għall-bidu tal-produzzjoni*	Data stmata għal kapaċità sħiħa*	Valutazzjoni tal-esperti tar-riskji b'rabta mal-ħruġ ta' permessi
Riċiklaġġ	Fattibbiltà	1.9.2026	1.1.2029	Il-ħruġ ta' permessi jippreżenta riskju akbar għad-data ta' skadenza mmirata
Estrazzjoni	Fattibbiltà	30.11.2026	31.3.2027	-
Estrazzjoni	Fattibbiltà	1.11.2028	1.5.2029	Fattur ta' riskju għoli ħafna: in-nuqqas ta' permessi (għad trid issir applikazzjoni għall-permessi rilevanti kollha)
Estrazzjoni	Fattibbiltà	1.9.2029	1.1.2031	Fatturi u riskji li jistgħu jagħmluha diffiċli li tintlaħaq il-produzzjoni fil-mira pproġettata sal-2030
Ipproċessar	Fattibbiltà	1.12.2029	1.1.2031	Il-projezzjoni tistma b'mod insuffiċjenti t-tul ta' żmien reali għall-ħruġ ta' permessi
Ipproċessar	Fattibbiltà	19.5.2024	28.11.2030	-
Estrazzjoni	Studju dwar l-ambitu	1.6.2028	1.6.2030	Il-permessi għadhom ma ntabx, il-proġett għie approvat minn qabel
Ipproċessar	Prefattibbiltà	1.6.2028	1.6.2030	Prefattibbiltà, permessi mitluba
Estrazzjoni	Fattibbiltà	1.1.2028	1.1.2029	-
Estrazzjoni	Fattibbiltà	1.6.2030	1.6.2033	Tħassib relatat mal-proċess tal-ħruġ ta' permessi
Ipproċessar	Fattibbiltà	1.9.2026	1.9.2026	L-informazzjoni dwar l-istatus tal-ħruġ ta' permess tal-proġett ma għietx ipprovduta
Ipproċessar	Kostruzzjoni	30.10.2027	30.5.2029	-
Ipproċessar	Fattibbiltà	17.8.2026	1.10.2029	-
Estrazzjoni	Fattibbiltà	1.4.2026	1.10.2029	-
Riċiklaġġ	Fattibbiltà	1.1.2029	1.1.2032	-
Estrazzjoni	Studju dwar l-ambitu	1.1.2037	1.1.2039	-
Sostituzzjoni	Kostruzzjoni	1.1.2026	1.7.2028	-
Estrazzjoni	Fattibbiltà	18.6.2027	16.12.2027	-
Estrazzjoni	Produzzjoni	1.3.2026	1.3.2036	Il-permessi għall-kostruzzjoni u l-ipproċessar għadhom ma nkisbux

\* stima mill-promotur tal-proġett

Sors: analiżi mwettqa mill-QEA abbażi tal-evalwazzjoni mill-esperti tal-applikazzjonijiet għal proġetti strateġiċi.

## Abbrezzazzjonijiet

Abbrezzazzjoni	Definizzjoni/Spjegazzjoni
<b>BEI</b>	Bank Ewropew tal-Investment
<b>BERŻ</b>	Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp
<b>CINEA</b>	Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent
<b>CRMA</b>	Att dwar il-Materja Prima Kritika
<b>CRMs</b>	Materja prima kritika
<b>DĠ CLIMA</b>	Direttorat Ġenerali għall-Azzjoni Klimatika
<b>DĠ ECFIN</b>	Id-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji
<b>DĠ ENV</b>	Direttorat Ġenerali għall-Ambjent
<b>DĠ GROW</b>	Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs
<b>DĠ INTPA</b>	Direttorat Ġenerali Għas-Sħubijiet Internazzjonali
<b>DĠ NEAR</b>	Direttorat Ġenerali għall-Viċinat u n-Negozjati għat-Tkabbir
<b>DĠ REGIO</b>	Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana
<b>DĠ RTD</b>	Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni
<b>JRC</b>	Ċentru Konġunt tar-Riċerka (is-servizz tax-xjenza u l-għarfien tal-Kummissjoni Ewropea)
<b>SĠ REFORM</b>	Task Force għar-Riformi u għall-Investimenti
<b>SRMs</b>	Materja prima strateġika
<b>WTO</b>	Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ

## Glossarju

Terminu	Definizzjoni/Spjegazzjoni
<b>Ċirkolarità</b>	Politika jew prattika li tipprevedi l-użu mill-ġdid, jew ir-riġenerazzjoni, ta' prodotti u riżorsi tul il-katina tal-valur biex jitnaqqas l-iskart.
<b>Esplozzjoni mmirata</b>	Investigazzjoni dettaljata wara l-iskoperta inizjali ta' depożitu minerali, bil-ħsieb li jiġu allokati riżorsi għal żoni bl-ogħla potenzjal għal estrazzjoni b'suċċess.
<b>Estrazzjoni</b>	Fil-kuntest ta' dan ir-rapport, it-tneħħija ta' minerali li jinsabu fil-blat, ta' minerali u ta' prodotti tal-pjanti mis-sorsi oriġinali tagħhom.
<b>Ftehim ta' xiri</b>	Arranġament kuntrattwali li skontu xerrej jaqbel, jew ikollu l-għażla, li jixtri ammont speċifiku tal-output futur ta' produttur.
<b>Katina tal-valur</b>	L-attivitajiet kollha involuti fil-provvista ta' prodotti lill-konsumaturi aħħarin, inklużi l-passi kollha fil-katina tal-provvista iżda wkoll attivitajiet bħall-bejgħ u l-kummerċjalizzazzjoni. Fil-każ ta' materja prima, din tinkludi l-istadji kollha mill-estrazzjoni u l-ipproċessar, sal-bejgħ u l-użu fil-manifattura, sa attivitajiet ta' tmiem iċ-ċiklu tal-ħajja bħall-irkupru u r-riċiklaġġ.
<b>Materja prima</b>	Sustanza, għajr ikel jew fjuwil, użata bħala input għall-manifattura.
<b>Materja prima kritika</b>	Materja prima ekonomikament importanti li għaliha hemm riskju għoli marbut mal-provvista.
<b>Materja prima strateġika</b>	Materja prima meqjusa partikolarment importanti minħabba l-użu tagħha f'teknoloġiji ekoloġiċi jew diġitali speċifiċi jew għal applikazzjonijiet fil-qasam tad-difiża jew dak ajruspazjali.
<b>Proġett strateġiku</b>	Fil-kuntest ta' dan ir-rapport, miżura maħsuba biex iżżid ir-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista għall-materja prima strateġika fl-UE.
<b>tassonomija tal-UE</b>	Sistema ta' klassifikazzjoni tal-UE li tidentifika kemm l-attivitajiet ekonomiċi huma ambjentalment sostenibbli.

## Risposti tal-Kummissjoni

<https://www.eca.europa.eu/mt/publications/SR-2026-04>

## Kronoloġija

<https://www.eca.europa.eu/mt/publications/SR-2026-04>

## Tim tal-awditjar

Ir-rapporti speċjali tal-QEA jippreżentaw ir-riżultati tal-awditi li twettaq ta' politiki u programmi tal-UE, jew ta' suġġetti relatati mal-ġestjoni minn oqsma baġitarji speċifiċi. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex timmassimizza l-impatt tagħhom billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li jkunu għad iridu jseħħu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni twettaq mill-Awla I tal-Awditjar — Użu sostenibbli tar-riżorsi naturali, li hija mmexxija minn Joëlle Elvinger, Membru tal-QEA. L-awditu tmexxa minn Keit Pentus-Rosimannus, Membru tal-QEA, appoġġata minn Annikky Lamp, Kap tal-Uffiċċju Privat u Daria Bochnar, Attaché tal-Kabinett; Florence Fornaroli, Maniġer Prinċipali; Jan Huth, Kap tal-Kompitu; Jolita Korzuniene u Marika Meisenzahl, Deputati Kapijiet tal-Kompitu, Blerta Hima u Anna Kozlova, Awdituri. Laura McMillan ipprovdiet appoġġ lingwistiku.



*Mix-xellug għal-lemin:* Laura McMillan, Jolita Korzuniene, Florence Fornaroli, Annikky Lamp, Daria Bochnar, Keit Pentus-Rosimannus, Jan Huth, Marika Meisenzahl.

# DRITTIJET TAL-AWTUR

© Unjoni Ewropea, 2026

Il-politika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-użu mill-ġdid hija stabbilita fid-[Deċiżjoni Nru 6–2019 tal-QEA](#) dwar il-politika tad-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti.

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor (eż. f'avviżi individwali dwar id-drittijiet tal-awtur), il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA li jkun proprjetà tal-UE huwa liċenzjat taħt il-[liċenzja tal-Creative Commons Attribution 4.0 International \(CC BY 4.0\)](#). Għalhekk, bħala regola ġenerali, l-użu mill-ġdid huwa awtorizzat dment li jingħata kreditu xieraq u li kwalunkwe bidla tiġi indikata. Dawk li jużaw mill-ġdid il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA ma jistgħux ibiddlu s-sinifikat jew il-messaġġ oriġinali. Il-QEA ma għandhiex tkun responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza relatata mal-użu mill-ġdid.

Irid jinkiseb permess addizzjonali jekk kontenut speċifiku juri individwi privati identifikabbli, eż. f'ritratti li jkun fihom il-membri tal-persunal tal-QEA, jew jekk ikun jinkludi xogħlijiet ta' parti terza.

Fejn ikun inkiseb tali permess, dan għandu jikkanċella u jissostitwixxi l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu.

Għal użu jew riproduzzjoni ta' kontenut li ma jkunx proprjetà tal-UE, jaf ikun meħtieġ li jintalab il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Software jew dokumenti li jkunu koperti mid-drittijiet ta' proprjetà industrijali, bħal privattivi, trademarks, disinjati rreġistrati, logos u ismijiet, huma esklużi mill-politika tal-QEA dwar l-użu mill-ġdid.

Il-familja ta' siti elettroniċi istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, fid-dominju europa.eu, tipprovdi links għal siti ta' partijiet terzi. Peress li l-QEA ma għandha l-ebda kontroll fuqhom, dawn, inti m'ħeġġeġ taqra l-politiki tagħhom dwar il-privatezza u dwar id-drittijiet tal-awtur.

Ritratt tal-qoxra: © Ben – [stock.adobe.com](#).

Il-Figura 1 inħolqot mill-QEA b'"Tableau", sfond tal-mappa © [Mapbox](#) u © [OpenStreetMap](#) liċenzjati taħt il-[liċenzja Creative Commons Attribution-ShareAlike 2.0 \(CC BY-SA\)](#).

Il-Figuri 3, 9, 12, 17, 18, 21 tfasslu bl-użu ta' riżorsi minn [Flaticon.com](#). © [Freepik Company S.L.](#) Id-drittijiet kollha huma riżervati.

Il-Figura 8 tfasslet bl-użu ta' riżorsi minn Adobe Stock: "Periodic table of elements. Vector template for school chemistry lesson": © MicroOne – [stock.adobe.com](https://stock.adobe.com)

Il-Figura 15 tfasslet bl-użu ta' riżorsi minn Adobe Stock:

- "corncrake png, transparent background": © DD – [stock.adobe.com](https://stock.adobe.com)
- "a otter standing on its hind legs": © Dumitru – [stock.adobe.com](https://stock.adobe.com)
- "Curved river landscape with lush greenery isolated on white transparent background": © Alien – [stock.adobe.com](https://stock.adobe.com)

Il-Figura 17 tfasslet bl-użu ta' riżorsi minn Adobe Stock: "three step vector puzzle infographic template": © Michal Hubka – [stock.adobe.com](https://stock.adobe.com)

Il-Figura 22 tfasslet bl-użu ta' riżorsi minn Adobe Stock:

- "A modern line art depiction of an open door in one continuous line, Open door continuous one line drawing. Vector illustration, Door, Construction, House line icon, minimal concept style": © line drawing – [stock.adobe.com](https://stock.adobe.com)
- "Simple line art of an analog clock isolated on white background": © Ai\_Images – [stock.adobe.com](https://stock.adobe.com)
- "Single continuous line drawing of a euro currency. One continuous line of a euro currency sign. Vector illustration, Euro symbol in speech bubble": © SREEPOLOK – [stock.adobe.com](https://stock.adobe.com)
- "Single Line Drawing of a Flag with Editable Stroke and Copy Space, Continuous one line empty, white flag drawing. Flag Vector illustration Single Line Drawing of a Flag with Editable Stroke and Copy" © Parboti – [stock.adobe.com](https://stock.adobe.com)

## Użu tal-logo tal-QEA

Ma jistax isir użu mil-logo tal-QEA mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tagħha minn qabel.

HTML	ISBN 978-92-849-6270-9	ISSN 1977-5741	doi:10.2865/2502030	QJ-01-25-062-MT-Q
PDF	ISBN 978-92-849-6271-6	ISSN 1977-5741	doi:10.2865/5627051	QJ-01-25-062-MT-N

## KIF TIKKWOTA

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ir-[Rapport Speċjali 04/2026](#) “Materja prima kritika għat-tranżizzjoni tal-enerġija — Il-politika mhijiex waħda soda”, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2026.

Biex it-tranżizzjoni tal-enerġija tirnexxi, l-UE tirrikjedi ammonti dejjem akbar ta' materja prima kritika. Ivvalutajna miżuri biex żgur ikun hemm provvista tagħha, b'had-diversifikazzjoni tal-importazzjonijiet, it-tiżjid tal-produzzjoni domestika u t-titjib tal-ġestjoni tar-riżorsi. Sibna li l-UE t'ħabbat wiċċha ma' firxa ta' sfidi. Filwaqt li l-leġiżlazzjoni tistabbilixxi perkors strateġiku, il-miri tagħha ma għandhomx ġustifikazzjoni. Id-diversifikazzjoni tal-importazzjonijiet ma tatx riżultati tanġibbli, u l-ostakli jxekklu l-produzzjoni u r-riċiklaġġ. Minkejja li l-permessi qed jinħarġu aktar malajr, ħafna proġetti strateġiċi se jbatu biex jiksbu provvista sal-2030. Nirrakkommandaw li l-Kummissjoni ssaħħaħ il-pedamenti tal-politika tal-UE dwar il-materja prima, tara li l-isforzi għad-diversifikazzjoni żgur iwasslu għal provvista aktar sigura, tindirizza l-ostakli fil-finanzjament, tagħmel użu aħjar mill-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi u żżid il-valur miżjud tal-proġetti strateġiċi.

*Rapport speċjali tal-QEA skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE.*



QORTI  
EWROPEA  
TAL-AWDITURI



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet  
tal-Unjoni Ewropea

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI  
12, rue Alcide De Gasperi  
1615 Luxembourg  
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: [eca.europa.eu/mt/contact](http://eca.europa.eu/mt/contact)  
Sit web: [eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)  
Media soċjali: @EUauditors